PJ(M26).

L-EWWEL KTIEB
L-ERBGĦA U ĦAMSIN
SENA

MARZU-
DIĊEMBRU
1978

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
**(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)**

KULL TLIET XHUR

## KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

EDITORJAL ... ... ... ... ... ... ... ... ... 1
MONS. DUN KARM SANT —
ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI,
Traduttur tal-Vanġelu u l-Atti ta' l-Appostli ... ... 4
DUN ĠAKKIN SCHEMBRI,
ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI,
Kittieb ta' Proża Reliġjuża ... ... ... ... ... ... ... 28
ĠUŻE' CARDONA —
ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI u l-Poeżija Reliġjuża 37
W.P.G. — Il-Kav. Prof. Ġużè Galea ... ... ... ... 43



# Għaliex għandu jkollok kont kurrenti magħna?

Ibda biex, kull ħlas li jkollok tista' tagħmlu b'ċekk — b'hekk m'għandekx għalfejn iġġorr ħafna flus fuqek u jekk tibgħat ċekk bil-posta lil min trid tħallas tiffranka li tistenna fil-kju.
Il-Bank jagħtik "statements" ta' sikwit biex b'hekk dejjem tkun taf fhiex inhu l-kont tiegħek. Barra minn hekk, tingħata wkoll pariri finanzjarji. Ħaġa mill-eħfef tiftaħ kont kurrenti magħna. Ejja l-uffiċċju tagħna. Aħna lesti biex naqduk.

**Lombard Bank (Malta) Limited**

**Lombard House, Republic Street, Valletta.**
**Tel: 620631/2, 620443. Telex: MW 379.**

**Lombard Bank (Malta) Limited huwa membru tan-'National Westminster Bank Group' b'Kapital u Riserva li jaqbżu** £1,025,529,000 Sterling.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

MARZU-DIĊEMBRU
1978

## ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI
## Traduttur tal-Kotba Mqaddsa

Ġużè Muscat Azzopardi kien ġenju prolifiku u versatili. Fi żmienu kien imdaħħal f'bosta għaqdiet; ħa sehem f'ħidmiet diversi; waqqaf u mexxa xirkiet; semma' leħnu f'laqgħat ta' kull xorta ta' nies; issemma f'ċentri politiċi, kulturali u soċjali; għamel isem fl-awli tal-Qrati tal-Ġustizzja; ħa postu fil-Kunsill tal-Gvern; kien magħruf bħala ġurnalist prim u meqjus bħala kittieb mill-aħjar.

Illum dan il-ġenju niftakruh bħala wieħed mill-persunaġġi ewlenin li seddqu l-ħajja ta' żmienu, u ismu ħa post ta' ġieħ fl-istorja tal-Letteratura Maltija. Ħafna żgħażagħ tal-lum jafu lil Ġużè Muscat Azzopardi bħala rumanzier u poeta; qraw u studjaw ir-rumanzi, is-sunetti u l-poeżiji l-oħra tiegħu, u ammiraw il-ħeġġa ta' l-istil, il-ħerqa ta' l-espressjoni, il-għażla tal-kliem, il-ħeffa tar-ritmu, is-sentiment liriku u f'kollox il-qawwa tal-ħsieb magħsur f'tema li jpaxxi l-moħħ u jħenni l-qalb.

Għalhekk il-poplu Malti jgħożż l-isem ta' Ġużè Muscat Azzopardi. Madankollu hemm qasam fil-ħidma letterarja tiegħu li mhux magħruf biżżejjed għalkemm is-siwi tiegħu huwa bla qies, għax barra l-valur letterarju kellu effett mill-aqwa fuq il-poplu Malti, l-aktar fuq il-kotra twajba u devota li tħobb 'l Alla u 'l-proxxmu u tixtieq tgħix ħajja tabilħaqq nisranija skond il-Kelma t'Alla kif imfissra fl-Evanġelji u l-Kotba Mqaddsa l-oħra.

Ma rridx ngħid li qabel Muscat Azzopardi ma kienx hawn traduzzjonijiet oħrajn bil-Malti tal-Bibbja. Canolo, Vassalli, Camilleri kienu qalbu kotba tal-Vanġelji fl-ilsien tagħna. Imma dawk it-traduzzjonijiet kienu magħmulin għall-Protestanti u stampati għat-tixrid tal-missjonijiet tagħhom. Għalhekk, l-Awtoritajiet tal-Knisja tagħna mill-ewwel ċaħduhom u wissew lill-poplu Malti biex ma jaqrahomx. Il-kelma mxiet li dawk it-traduzzjonijiet ta'

l-Evanġelji ma kinux għal idejn il-Kattoliċi Maltin, u billi ma kienx hemm oħrajn approvati mill-Knisja, il-Bibbja bil-Malti baqgħet għal bosta snin bħala ħaġa projbita għall-poplu.

Ried ikun Ġużè Muscat Azzopardi li kiser dak l-'impasse', meta fl-1895, bil-kunsens ta' l-Isqof u l-barka tal-Papa, qaleb għall-Malti l-Evanġelju ta' San Mattew. Kienet biċċa xogħol ta' ħtieġa maħduma bil-għaqal, bir-reqqa u bis-sengħa, li għamlet tajjeb għan-nuqqas fil-ħajja reliġjuża tal-poplu Malti.

Dik it-traduzzjoni kienet milqugħa tajjeb ħafna mill-Ġerarkija tal-Knisja u mill-fidili tal-Gżejjer tagħna, tant li warajha ħarġu t-traduzzjonijiet tat-tlett Evanġelji l-oħra, u kollha sabu rwieħ xewqana biex jaqrawhom.

Ġużè Muscat Azzopardi qabel ma tħajjar biex jaqleb l-Evanġelji fi lsienna, kien kiteb opri ta' devozzjoni, ħajjiet ta' qaddisin u xogħlijiet dwar il-liturġija, imma t-traduzzjoni ta' l-Evanġelji għollietu f'daqqa waħda, fost l-aqwa kittieba ta' opri sagri bil-Malti, kisbitlu fama kbira fil-kitba ta' dik ix-xorta u stħoqqitlu unur u dekorazzjoni mill-Kap tal-Knisja Kattolika.

Il-kotba ta' l-Evanġelji maqlubin għall-Malti minn Muscat Azzopardi, imxew ħafna f'dawn il-Gżejjer, kif ukoll fost il-Maltin ta' barra, tant li ħarġet it-tieni edizzjoni fl-1914. Is-suċċess li kellha dik l-opra ħajjar lill-awtur biex jindaħal ħalli jibda jaqleb għall-Malti fl-1917 l-'Atti ta' l-Appostli', li ħarġu wkoll bil-barka ta' l-Isqfijiet ta' Malta u tal-Papa.

Aħna llum ma nistgħux nifhmu sewwa kif it-traduzzjoni ta' l-Evanġelji ta' Ġużè Muscat Azzopardi laqtet u xegħlet lill-qarrejja Maltin li kienu għatxana għall-Kotba Mqaddsa. Kien hemm min ħass ruħu fid-dmir bħala Nisrani li jaqra u jixtarr dawk il-kotba li jfarrġu r-ruħ u jserrħu l-qalb; ġralhom bħal nies miftumin minn ħaġa ta' benna li malli jiksbuha, jibilgħuha b'herqa kbira.

Wara t-traduzzjonijiet ta' Muscat Azzopardi, ħarġu traduzzjonijiet oħrajn ukoll: dawk ta' Saydon, Grima, Galea, Cortis, Sant, Paris, Spiteri, u llum drajna nisimgħu t-tifsir ta' l-Evanġelju bil-Malti fil-quddies, naqraw 'Kliem il-Ħajja' kull fil-għodu, u nixxiegħlu bil-pubblikazzjonijiet tal-'Għaqda Biblika Maltija'. Imma disgħin sena ilu l-Evanġelju kien jasal f'widnejn il-Maltin b'ilsien barrani, u jqajjem sens mistiku imma mhux magħruf ta' ftuħ il-qalb ma' Alla jew ta' għaxqa għall-Kelma Tiegħu. Il-mertu

ta' Ġużè Muscat-Azzopardi hu li ppopolarizza l-Kotba Mqaddsa f'pajjiżna u rawwem in-Nisrani Malti jifhem u japprezza l-Kelma t'Alla. Din hi opra ta' ġieh li jistħoqqilha kull tifħir u, għalkemm għadha mhix mistħarrġa biżżejjed bħall-ħidmiet l-oħra ta' Muscat Azzopardi, għandha titqies bħala waħda mis-sisien li fuqhom inbniet il-fama tiegħu.

F'din il-ħarġa ta' "Il-Malti" nsibu studji dettaljati dwar il-ħidma ta' Ġużè Muscat Azzopardi bħala traduttur tal-Kotba Mqaddsa u bħala kittieb ta' proża u ta' poeżija reliġjuża. Dan it-tagħrif kritiku li nqara fl-akkademja li saret fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fis-26 ta' Mejju 1977 b'ġieh Ġużè Muscat Azzopardi, għandu jixħet dawl ġdid fuq dan l-awtur Malti u għandu jiswa ta' fejda għal kull min irid jagħmel apprezzament kritiku u xjentifiku tal-Letteratura Maltija.

# ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI
# Traduttur tal-Vanġelu u l-Atti ta' l-Appostli

1895 — 1924*

minn Mons. Prof. Dun Karm Sant

Ġużè Muscat Azzopardi kiseb it-titolu ta' **Missier il-Letteratura Maltija;** jekk nistgħux insejħulu **missier il-kitba reliġjuża Maltija** ma nafx, iżda żgur li jistħoqqlu t-titolu ta' **Missier il-Moviment Bibliku Malti.** It-traduzzjonijiet li kien hemm qablu kienu kollha Protestanti.

Kien Ġużè Muscat Azzopardi li xandar għall-ewwel darba traduzzjonijiet Kattoliċi sistemati ta' kotba **sħaħ** tal-Bibbja; għidt sħaħ għax qablu ma kienx hemm oħrajn ħlief parzjali. Ix-xogħol tiegħu għandu l-valur u fl-istess ħin in-nuqqasijiet ta' xogħol ta' pijunier, li kien qiegħed jaħdem f'ċirkustanzi soċjali, kulturali u reliġjużi ta' Malta ta' żminijiet oħra. F'dan id-diskors il-lejla l-ewwel nagħtu ħarsa ħafifa fuq l-istorja ta' l-opra ta' Ġ.M.A. u mbagħad nagħmlu eżami kritiku u valutazzjoni tagħha.

## I ĦARSA LEJN L-ISTORJA TA' DIN L-OPRA

Biex napprezzaw aktar ix-xogħol tiegħu nibdew biex naraw x'kien sar qablu u fi żmienu f'dan il-qasam imbagħad naraw għaliex daħal għal din "il-ħidma qalila"[1] kif sejħilha hu u k'f żviluppa x-xogħol u x'effett kellu fuq il-pastorali biblika Maltija.

### It-Traduzzjoni Biblika Maltija 1810-1924

Fl-introduzzjoni għal-ewwel edizzjoni tal-Vanġeli ta' S. Mattew fl-1895 Ġ.M.A. jikteb li M.A. Vassalli fl-1829 kien qaleb għall-Malti l-**Erba' Vanġeli** u l-**Atti ta' l-Appostli** mqabbad mill-Protestanti; li minn dawn il-kopji kien għad baqa' xi kopji fl-idejn; li kull tant il-Protestanti għadhom jxerrduhom bil-moħbi.[2]

Skond Ġ.M.A. t-traduzzjoni biblika Maltija sa żmienu kienet dik ta' Vassalli biss; hekk kienu jaħsbu wkoll il-Protestanti sa ftit ilu. Dan m'hux minnu għal kollox. L-ewwel li ttraduċa u ippubblika parti mill-Bibbla, kien G.M. Canolo, li stampa l-Vanġelu ta' San Ġwann fl-1822; warajh kien stampat il-1829 il-volum ta' Vassalli (wara mewtu) bl-**Erba' Vanġeli u l-Atti ta' l-Appostli.**

Dawn kienu ippubblikati mic-**Church Missionary Society** bl-inizjattiva ta' Rev. W. Jowett. Fl-1845 is-**Society for Promoting Christian Knowledge** imbuttata mill-ewwel Isqof Anglikan ta' Ġibiltà, Rev. G. Tomlinson, ippubblikat il-**Book of Common Prayer** bil-Malti li fih kien hemm il-lezzjonijiet tas-servizz Anglikan u s-**Salmi ta' David,** u fl-1847 ippubblikat it-**Testment il-Ġdid,** it-tnejn tradotti minn M.A. Camilleri, qassis Malti li kien għadda għall-Knisja Anglikana. Dan irriveda t-traduzzjoni ta' Vassalli, u ittraduċa l-bqija hu stess.(3)

Il-Protestanti mħajra minn Rev. G. Wisely, ministru taċ-Church of Scotland f'Malta, reġgħu ħadu l-inizjattiva fl-1870, u bl-għajnuna ta' l-istess Camilleri u oħrajn reġgħu stampaw test rivedut tal-**Vanġeli ta' S. Mattew** (1870) u **San Ġwann** (1872) u l-**Atti ta' l-Appostli** (1871); u taw skoss ieħor fl-1914-1922 meta stampaw **San Mark** rivedut (1914), **San Mattew** (1912, 1918), **San Ġwann** (1912, 1922) u l-**Atti ta' l-Appostli** (1912, 1922).(4)

Fost il-Kattoliċi f'dan l-istess żmien insibu t-traduzzjonijiet parzjali ta' R. Taylor: **Siltiet mill-Vanġeli,** dwar il-Passjoni ta' Ġesù Kristu (1844), it-traduzzjoni ritmika tas-**Salmi ta' David** (1846) u l-**Uffizzju tal-Ġimgħa l-Kbira** (1848). Magħhom inżidu t-traduzzjonijiet ta' F. Panzavecchia li baqgħu MSS ikkonservati fl-Arkivju tal-Katidral, u l-**ewwel Kapitlu tal-Ġenesi** stampat fl-1850.(5)

Ma nistgħux ngħidu x'effett kellhom dawn it-traduzzjonijiet fuq il-poplu. Nafu biss li l-Protestanti stess mhux darba u tnejn ilmentaw li ltaqgħu ma' diffikultajiet kbar fit-tixrid tal-kotba tagħhom. Miss E.I. Morrell fl-1912 kitbet lis-segretarju tal-BFBS: "...the people make little, if any, use of what there is in print already. One cannot help feeling if a free distribution of the Word already in hand were made and if it were read by the people, the demand for the Scripture would be evident, and with the demand, those able and willing to translate".(6) U s-segretarju stess fl-1929 kien ta' l-istess fehma dwar il-Vanġelu ta' San Ġwann stampat fl-1912: "There does not seem to be much call for the Book, at least we have only a record of a very limited circulation". (7) B'danakollu Ġ.M.A. jsostni li xterdu fl-irħula u l-ibliet ta' Malta bl-eluf.(8)

Ir-raġunijiet għal dan kienu, fil-fehma tiegħi, l-ewwelnett l-oppożizzjoni qawwija min-naħa Kattolika, għax ma kellhomx

noti; u dan jidher mill-artikli li ta' spiss kienu jidhru kontrihom fi **Il-Ħabib** u l-ammonimenti ta' l-Isqof,[9] u t-tieni għaliex biċċa żgħira wisq mill-poplu kienet taf taqra — 9.5% fl-1842; 11.08% fl-1871; 16.5% fl-1881; u 18.9% fl-1891; 18.7% fl-1911; 47.2% fl-1921[10] — dawk li kellhom skola biżżejjed kienu jaqraw it-traduzzjoni Taljana ta' l-Isqof Martini, kif kienu jammettuh l-Ingliżi stess.[11]

Barra dawn il-pubblikazzjonijiet Protestanti f'dan iż-żmien irridu nqisu fatturi oħra ta' natural ġenerali. L-ewwelnett meta Ġ.M.A. beda jaħdem fl-1895 kien hawn ferment sħiħ dwar ir-Riforma tas-sistema ta' l-Edukazzjoni, speċjalment fejn kienu jidħlu l-ilsna Taljan, Ingliż u Malti. Il-Malti kien jintgħallem biss fl-ewwel żewġ klassijiet ta' l-iskejjel Primarji fuq is-sistema ta' l-ortografija Taljana[12] barra li ma kellux post fis-soċjetà Maltija; għalhekk il-proporzjon tan-nies kapaċi jew li riedu jaqraw bil-Malti kienet żgħira ħafna.

Ċirkostanza oħra importanti kienet li kien għadu kif intemm ħesrem fl-1870 il-Konċilju Vatikan I u tfaċċa l-Moviment Modernista, l-ereżija ta' l-aħħar snin tas-seklu l-ieħor u l-bidu ta' dan. Kienet waħda mill-ereżiji l-aktar insidjużi u perikolużi li qatt kellha tikkumbatti u tħabbat wiċċha magħhom il-Knisja, u li xeħtitha fuq id-difensiva. Min-naħa l-waħda kien hemm il-bżonn li l-poplu jkun edukat fil-fidi tiegħu u min-naħa l-oħra li jkun imħares kontra dan il-periklu ġdid. Minn hawn ġew ir-restrizzjonijiet fl-istudju kritiku tal-Bibbja u l-kontroll fuq it-traduzzjonijiet tal-Bibbja fl-ilsna tal-poplu.[13]

Li dan inħass Malta jidher ċar mill-ħafna artikli fuq il-Bibbja li kienu jidhru fi **Il-Ħabib,** taħt id-direzzjoni ta' Ġ.M.A. stess, u l-kontroll li kien impost fuqu waqt ix-xogħol tat-traduzzjoni. U kien proprju f'dan iż-żmien li twaqqfet il-Kattedra ta' l-Iskrittura fl-Università tagħna fl-1915, bir-Rev. M. Gonzi bħala l-ewwel Professur li kien ilu diġà sentejn igħallem b'xejn.[14]

## L-Inizjattiva ta' Ġ.M.A.

Fil-25 ta' Marzu 1895 Ġ.M.A. kiteb lill-Isqof Pietru Pace u talbu li jqawwilu qalbu biex jidħol għal dan ix-xogħol billi jilqa' d-dedika tal-Vanġelu ta' San Mattew. Igħidu wkoll li "bosta snin ilu, wieħed mill-aħjar qassisin ta' madwarek imfaħħar minn

kulħadd għall-għerf u t-tjieba tiegħu kien ħajjarni biex naqleb l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu bil-Malti, bħalma jinsab maqlub b'ħafna ilsna oħra. Imma għad li dan il-ħsieb baqa' dejjem iberren f'rasi, qatt ma kelli l-ħila nitgħabba b'din il-ħidma kollha''.[15] Il-qassis li jsemmi kien il-Mons. Kanoniku Neriku Caruana Gatto.[16] Kemm snin qabel kien ħajru ma nistgħux ngħidu. L-Isqof laqa' t-talba ta' Ġ.M.A., iżda għamillu kundizzjoni li jaqleb bil-Malti ''letteralmente il Martini con le sue note''.[17]

Mela kellu f'moħħu li joħroġ l-Erba' Vanġeli kollha faxxiklu, faxxiklu, ta' tmien paġni l-wieħed bil-prezz ta' sold il-wieħed, aktarx kull ħmistax; dan il-programm biddlu meta ġie biex joħroġ it-tliet Vanġeli l-oħra —Mk,. Lq, Ġw — wara li spiċċa San Mattew f'Mejju ta' l-1897. Skond dan il-programm ġdid kellu joħroġ faxxiklu ta' 24 paġna bi tliet soldi l-wieħed — ''ħabba kuljum'', qalilhom — kull ħames ġimgħat, erba' faxxikli għal San Mark, tmienja għal San Luqa, u tmienja oħra għal San Ġwann, għoxrin b'kollox, matul medda ta' ftit aktar minn sentejn. Min kien irid San Mattew, li kien diġà ħareġ, seta' jħallsu bil-ġimgħa; u min kien isib tnax-il abbonat u jqassamhomlhom kellu dritt għall-kopja tiegħu b'xejn.[18]

Ħareġ San Mattew kollu f'29 faxxiklu, qisu f'sena u nofs. Is-sistema li joħorġu kollu faxxiklu, faxxiklu, kienet popolari ħafna u serviet biex il-poplu dara jaqra, bla ma jbati minn butu.

L-ewwel edizzjoni ta' San Mattew kienet milqugħa tajjeb; l-ewwelnett miċ-ċensur Mons. A. Farrugia li kitiblu: ''Biżżejjed ngħidlek li fil-Ktieb kollu ma sibt l-ebda kelma li kellha bżonn tissewwa'';[19] mill-Kardinal Rampolla[20] li bagħatlu kopja; Mons. Schiro ta' Ruma[21] u l-Isqof Camilleri li aċċetta wkoll id-dedika ta' San Mark.[22] Dan għamel qalb lil Ġ.M.A. jissokta bil-ħidma tiegħu, imma kellu jieqaf wara xi sitt xhur jew sebgħa għax miet l-istampatur Menu Busuttil.[23]

Ġ.M.A. reġa' qabad jaħdem fuq it-traduzzjoni tal-Vanġeli, u issa l-**Atti ta' Appostli** magħhom, f'nofs is-sena 1914, din id-darba mhux b'sempliċi approvazzjoni ta' l-Arċisqof ta' Malta, imma b'digriet tas-Sant'Uffizzju. F'nota li nsibu fil-**Ktieb ta' l-Atti,** Ġ.M.A. jgħidilna li s-Sant'Uffizzju għall-ewwel qal **le;** iżda mbagħad qal **iva** fuq insistenza ta' l-Isqof Pace: ''Kieku hu — Alla jagħtih il-Ġenna — ma reġax talabhieli għat-tieni darba; u, im-

qanqal mit-tjieba kbira tiegħu, pinġieni b'lewnijiet l-aktar sbieħ quddiem dik is-Sagra Kongregazzjoni; u, biex ngħid hekk, għamel tajjeb għalija, is-Sensja ma kenitx tiġini. Minn dan mela, jissokta Ġ.M.A., għandkom tifhmu kemm hi ħaġa ta' reqqa, għall-Knisja Mqaddsa tagħna, il-qlib ta' l-Evanġelju u tal-**Ktieb ta' l-Apostli** f'ilsienna; u, meta tagħtih, x'pattijiet tagħmel; u, fuq kollox kemm għandkom tistmerru dawk l-istess **Evanġelji** u **Ktieb ta' l-Appostli** li joħorġu bla tifsir u jinġiebu hawn Malta mill-Protestanti ta' l-Amerika u ta' l-Ingilterra għall-ħsara ta' ruħna''.(24)

Fost il-pattijiet li semma l-Isqof imponielu l-assistenza ta' Teologu, li kien l-istess ċensur Mons. L. Farrugia. Ġ.M.A. ħa pjaċir bih ''għax hu dak stess, li, tmintax-il sena ilu, kien ir-Reviżur tagħna, meta ħriġna l-ewwel ktieb kollu (San Mattew) u nofs it-tieni wieħed (San Mark) ta' l-Evanġelju; u, meta spiċċa mir-reviżjoni, kien għoġbu jiktbilna: ''Nistqarr li t-traduzzjoni, it-tifsir u ż-żieda tat-tifsir saru minnek b'tant ħila u reqqa, li fix-xogħol kollu ma ħtieġli qatt insewwilek kelma''.(25)

Mhux kuntent b'dan, kiteb lill-Papa jbierek lilu u ''l-imseħbin kollha li għandi u għad ikolli fil-ħames kotba tal-ħidma tiegħi''.(26) Il-Barka ġietu permezz ta' telegramma mill-Kardinal Ferrata fit-22 ta' Settembru.(27)

L-ewwel avviż ħareġ fil-**Ħabib** ta' l-14 ta' Lulju 1914 u f'gazzetti oħra fl-istess żmien li bih għarraf bis-sensja tas-Sant'Uffizzju u d-digriet ta' l-Isqof ta' Malta u talab l-abbonati.(28) Fi **Is-Salib** ħabbar il-programm: ''L-opra tkun tikkonsisti f'ħames volumi li jlaħħqu l-1,200 faċċata u toħroġ f'faxxikli ta' 16-il faċċata kbar kull ħmistax-il ġurnata u titħallas żewġ soldi mal-kunsinna. Min irid jassoċja barra milli jniżżel ismu fl-iskedi jista' jibgħat ukoll għand is-Soċjetà Andolfo u Magro, 167-168 Strada Forni, il-Belt, fejn sejra tiġi stampata''.(29) Fi **Il-Ħabib** spjega għaliex kien iddeċieda li jibda minn San Mattew, li kien diġà stampa fl-1895; l-ewwelnett ftit kien fadal kopji, u li ''l-edizzjoni l-ġdida ma tkunx taqbel mal-qadima la fid-daqs tal-Ktieb, la fil-għamla tat-tipi, la fil-kwalità tal-karta, la fl-ortografija; u fuq kollox, għax in-noti (jiġifieri t-Tifsir) ikunu miżjudin ħafna''.(30) Qal ukoll li kien għadu jaħsibha jekk jibdiex bl-**Atti ta' l-Appostli;** fil-fatt beda bit-test ta' San Mattew — il-partijiet ta' quddiem ħalliehom għal wara matul ix-xogħol; u l-**Atti** ħariġhom għaxar snin

wara.[31] L-ewwel faxxiklu ħareġ fl-aħħar ta' l-ewwel ġimgħa ta' Novembru 1914 u tqassam lid-distributuri.[32]

L-istampa laqgħet bil-ferħa u b'approvazzjoni dan ix-xogħol; fir-**Reġina tal-Carmelu** deħret ittra miktuba minn "Saċerdot għaref... imħallef mill-aqwa li hawn hawn Malta fit-Teoloġija, fil-Letteratura u fit-Tifsir tal-Kotba Mqaddsa", li fost ħwejjeġ oħra tgħid: "Dan ix-xogħol tiegħek ta' sabar kbir u ta' reqqa m'hix żgħira naħsbu li barra mill-ġid kbir li jagħmel lil ħaddieħor, sejjer igħolli lilek b'mod li ismek jibqa' dejjem jissemma ġewwa l-gżejjer tagħna... Nifirħulek mela, bil-qalb kollha u nerġgħu nġeddu x-xewqa li naraw dit-traduzzjoni tiegħek f'idejn il-Maltin kollha".[33] Fil-**Bambin ta' Praga** deħret kitba mid-direttur: "Kif jidher mill-ewwel faxxiklu sejjer ikun ġawhra tant għat-traduzzjoni fidila kemm għall-għażla tat-tifsir". U Ġ.M.A. jżid: "Id-Direttur tal-**Bambin ta' Praga** hu saċerdot jismu Patri Piju (tat-Tereżjani); u dan l-isem tant magħruf ifisser mistrieħ għall-kuxjenza tagħna".[34]

Ix-xogħol baqa' sejjer sas-sena 1920 jekk noqogħdu għad-data taċ-ċensur tal-Vanġelu ta' San Ġwann (8 ta' Settembru, 1920); bilfors li kien hemm xi żmien meta l-faxxikli ma ħarġux fi żmienhom, għax jekk nikkalkulaw l-għadd tal-faxxkli kollu jispiċċa f'Mejju ta' l-1919.

Fl-**Atti ta' l-Appostli**[35] nsibu nota fejn igħid li "fis-27 ta' Mejju 1917 temmejt il-Ħidma tiegħi" bit-tmiem ta' l-MSS ta' l-**Appostli**; u kien bdieh fil-15 ta' Awissu 1915; mela l-Vanġelu ta' San Ġwann temmu f'nofs is-sena 1915. Jiġifieri li waqt li kienet għaddejja l-istampa, Ġ.M.A. kien jipprepara l-MSS. Iċ-ċensur kien jiffirma l-aħħar faxxiklu, għall-bżonn l-aħħar prova ta' l-istampa.

**L-Atti ta' l-Appostli** kien lest fis-27 ta' Mejju 1917, iżda ma kellux id-dawl qabel is-sena 1923/24.[36] Għala waqaf ix-xogħol ta' l-istampa s'issa ma rnexxilix insib. L-ewwel ċaqliqa kien l-avviż fi **Il-Ħabib** tal-15 ta' Frar 1923 li se' toħroġ it-traduzzjoni tal-**Ktieb ta' l-Atti** b'60 faxxiklu b'sold il-wieħed taħt il-ħsieb ta' Ġanni Magro, 167, Strada Forni, Valletta. L-ewwel faxxiklu ħareġ fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju 1923. Jekk inqisu d-data taċ-ċensura, 22 ta' Settembru 1924, u dik ta' l-1 ta' Ottubru 1924, ikollna

ngħidu i dam ħiereġ xi sena, ħamsin faxxiklu, wieħed fil-ġimgħa b'xi qabża 'l hemm u 'l hawn.

Minn dan naraw li Ġ.M.A. dam jaħdem fuq din it-traduzzjoni għaxar snin sħaħ u aktar, u jekk inżidu t-tliet snin bejn wieħed u ieħor ta' l-ewwel edizzjoni, ilaħħqu tlettax-il sena sħaħ; u dan meta kellu ħafna xogħol ieħor u dmirijiet x'jaqdi, fosthom il-ħruġ ta' żewġ ġurnali: **Is-Salib** u **Il-Ħabib.**

**L-Iskop tat-Traduzzjoni**

X'kien li ġagħal lil Ġ.M.A. jidħol għal "din il-ħidma qalila"?[37] Meta talab il-barka u l-permess lill-isqof biex jidħol għax-xogħol qallu li kien imħajjar minn "wieħed mill-aħjar qassisin ta' madwarek",[38] li kien il-Mons. Kanonku Neriku Caruana Gatto.[93]

Ġ.M.A. innifsu jgħidilna li l-iskop tiegħu kien li jikkumbatti t-tixrid tat-traduzzjonijiet Protestanti u li jgħallem il-poplu. Fl-introduzzjoni għall-ewwel edizzjoni ta' San Mattew joħodha bl-aħrax kontra Vassalli li żara' żerriegħa ħażina li kienet għadha tinżera': "Għad m'ilux sena li xterdu l-eluf minnhom fit-toroq ta' l-ibliet u ta' madwarhom .. dawk il-kotba **misħuta** ħassejnieħom iqabbżuna... nagħtukom għodda tajba f'idejkom biex teqirdu minn wiċċ l-art il-ħaxix ta' dik iż-żerriegħa ħażina".[40] U fl-introduzzjoni għat-tieni edizzjoni fl-1914 ikompli jgħid: "Jekk l-ewwel darba kien deherli **xieraq** ikun hawn Evanġelju bil-Malti kif tridu l-Knisja Mqaddsa, jiġifieri bit-tifsir magħruf minnha, biex il-Maltin li ma jafux b'ilsien ieħor ma jistgħux jitqarrqu b'dawk il-kotba ħżiena li l-Protestanti kien ilhom ixerrdu bil-moħbi fuq ħamsin sena, xi bżonn hawn illum, li mhux iżjed fid-dlam ta' ljieli jew minn id għal id bis-serqa — imma bid-deher u bla mistħija qegħdin jitqassmu kotba u karti ta' kull daqs, saħansitra gazzetti sħaħ, daqqa stampati hawn Malta u daqqa miġjubin minn barra, kontra s-setgħa tal-Knisja... Mela jekk dsatax-il sena ilu l-Evanġelju bil-Malti mgħoddi mill-Knisja kien ħaġa **xierqa** l-um hu ħaġa **meħtieġa** ".[41] U l-istess kiteb għaxar snin wara fl-1924: "Taraw mela li mhux għalxejn il-Protestanti, mindu meddew riġlejhom f'Malta u raw kemm hi kbira r-rabta tagħna mal Papa, stadu fostna u ħallsu tajjeb kittieb maqlub li ħadmilhom, **bla tifsir,** l-Evanġelju u l-**Ktieb ta' l-Appostli,** u bdew ixerrduhom hawn, b'xejn u bil-moħbi, kif għadhom jagħmlu s'issa".[42] Dawn

l-ideat ftit jew wisq esaġerati jkompli jisħaq fuqhom b'artikli li kienu ta' spiss jidhru fi **Il-Ħabib.**[43]

Din fehmuha tajjeb il-Protestanti. Dik il-ħabta kienet għaddejja korrispondenza dwar proġett għal edizzjoni oħra tal-Vanġeli u l-Atti bil-Malti bejn is-Segretarju tal-BFBS u Rev. G. Wisely. Issemmiet l-edizzjoni ta' San Mattew ta' Ġ.M.A. li kien hemm — u għad hemm — kopja tagħha fil-British Museum. Rev. G.A. Sim kiteb: "The local R.C. Church here has licensed a version of the four Gospels and Acts in Maltese with (R.C.) notes. Only the first half of St. Matthew has been issued as yet, but I note that is also largely based on Vassalli's version. Reference is made in the notes to the free scattering of 'Protestant' Gospels here, and this is intended as a counteraction. But one is glad that they feel compelled to issue such a thing at all in the local vernacular".[44] F'dan l-istess żmien il-Protestanti kienu għadhom kemm stampaw traduzzjoni ġdida ta' San Mark bl-għajnuna ta' V. Busuttil, spettur ta' l-iskejjel tal-gvern, u tal-Professur T. Zammit.[45] Din l-attività naqset sewwa mill-1920 'il quddiem u ma reġgħetx bdiet qabel l-1962, meta TBS ippubblikat it-Testment il-Ġdid, traduzzjoni ibbażata fuq dik ta' Saydon.

## II EŻAMI KRITIKU U VALUTAZZJONI

Fuq dan l-isfond storiku ta' l-iżvilupp ta' din it-Traduzzjoni ngħaddu biex neżaminawha fiha nfisha, nivvalutawha u nqegħduha f'postha fl-iżvilupp tat-traduzzjoni biblika Maltija u l-pastorali biblika f'pajjiżna.

Kull ktieb kien fih: it-test tradott, il-kummenti jew noti u għadd ta' dokumenti bid-dedika[46] u noti supplimentari bil-ħsieb li jkabbru u jwettqu l-awtorità tat-traduzzjoni. Fil-bidu tal-**Vanġelu ta' S. Mattew** (1914) u **l-Atti,** insibu Tabella Kronoloġika tat-Testment il-Ġdid, "l-aqwa biċċa tax-xogħol ġdid tagħna"[47] u magħhom Ġ.M.A. daħħal ukoll xi poeżija jew aktar minn tiegħu.[48] Mill-eżami ta' dawn l-elementi kollha naslu biex naraw il-prinċipji li fuqhom ħadem, l-għodda li kellu, is-sengħa li ħaddem, u l-kwalità tax-xogħol u t-traduzzjoni li ħarġet.

### Is-Sengħa u l-Għodda

Meta l-Isqof Pace awtorizzah u għamillu l-qalb biex jibda

t-traduzzjoni kien obbligah li jittraduċi **"letteralmente il Martini con le sue note".**(49) X'ried igħid biha sewwa l-Isqof, jekk kellux f'rasu n-noti biss tal-Martini jew kif inhu aktar probabbli t-test Taljan ukoll, ma nistgħux ngħidu sewwa. Fl-ewwel edizzjoni ta' San Mattew għall-Mt 5,41 jikteb: **'Mille passus' igħid, bil-Latin, l-Evanġelju. Imma aħna mxejna fuq it-Taljan ta' l-Isqof Martini: u għedna 'mîl', għax hu qal 'un miglio'.**(50) Għal Lq 2,14 igħid li l-Grieg, li fuqu ħadmu l-Protestanti fit-traduzzjoni Maltija, **"f'bosta ħwejjeġ sostanzjali ma jaqbilx mal-Latin tar-Reliġjon tagħna".**(51) Fl-Atti 27, 13 insibu din in-nota: **"Aħna kif inhu dmirna mxejna fuq il-Latin imħaddem mill-Knisja u fuq it-Taljan ta' Martini, hekk ukoll Sales",** dan minkejja li Curci u s-Soċjetà S. Ġilormu mxew fuq il-Grieg. Jekk inqabblu l-ewwel edizzjoni ta' Mattew 9 mat-tieni waħda nsibu li fl-ewwel waħda Ġ.M.A. mexa aktar fuq it-Taljan ta' Martini; filwaqt li fit-tieni irranġa u biddel u resaq aktar lejn il-Latin; fl-**Atti,** l-aħħar volum, li kien lest fl-1916 u stampat fl-1924, mexa tista' tgħid dejjem fuq il-Latin. Nieħdu xi eżempju jew tnejn: Mt 9,1: **U tala' fuq dgħajsa, feraq il-baħar u 'mar' il-belt tiegħu (fix-xatt l-ieħor); bil-Latin: "Et ascendens in naviculam, transfretavit et 'venit' in civitatem suam"** u l-Martini: **"E' montato in una piccola barca ripassò il lago e 'andò' nella sua città"; f'**Mt2: flok **mar** insibu **ġie,** li taqbel mal-Latin, filwaqt li **mar** taqbel mal-Martini.(52) F'Mt 9,6: **in terra, sopra la terra,** Mt1 **fuq l-art,** Mt2 **fl-art;** Mt 9,13: **volo, amo,** Mt1 **inħobb,** Mt2 **irrid;** Mt. 9,30: **videte, badate,** Mt1 **qisu;** Mt 2: **Araw.** Mt 9,35: **vexati et jacentes; malcondotte e giacevano come pecore;** Mt1 **maħqura u mħabbla;** Mt2 **maħqura u mxerrda.** Fl-**Atti ta' l-Appostli** (1923) nistgħu ngħidu kull fejn il-Martini jitbiegħed mil-Latin, Ġ.M.A. jaqbel miegħu; eżempji mill-**Atti** 28 vers 1: **cum evasissemus, fummo fuori pericolo, ħlisna; non modicam humanitatem, con molta umanità, b'tjieba mhux ċkejkna;** 2: **imbrem, umidità, xita;** 3: **alquantam multitudinem, alquanti sarmenti, ħafna żarġun; invasit manum eius, se gli attaccò alla mano, ħabtet għal idu;** 22 **Rogamus, brameremo, nitolbu;** 25: **non essent consentientes, essendo discordi fra loro, ma kinux jaqblu.**(54)

Dan juri li Ġ.M.A. fl-ewwel edizzjoni żamm mat-test tal-Martini b'konsultazzjoni mal-Vulgata Latina; u aktar ma x xogħol kien jimxi 'l quddiem matul is-snin, aktar kien jersaq lejn il-Vul-

ġata b'konsultazzjoni mal-Martini u wasal ukoll li, biex ma jitbegħidx mil-Latin, issagrifika l-grammatka Maltija, kif naraw 'il quddiem.

Fin-noti nsibu xi rimarka biex jiġġustifika xi traduzzjoni li għamel u jkompli jsaħħaħ dan li għedna; f'Mt 21,7, iżid il-kelma **felu** fejn il-Latin hemm **rikkbuh fuq,** biss, u jinnota: **Aħna jidhrilna li wara l-kelma 'fuq' nistgħu nżidu 'il-felu' għax hekk igħidu San Luqa, San Mark u San Ġwann**... **u** qegħdniha bejn żewġ oqmra, bħalma hi hawn: (felu), **biex nuri li m'hix ta' l-Evanġelju;**[55] l-istess jagħmel f'Lq 8,1: fejn **kienu** jagħlaqha fil-parentesi[56] u jżid din in-nota: **Aħna biex inżommu bir-reqqa kollha fil-qlib ta' l-Evanġelju bil-Malti, biex ma jkollna ebda skruplu li ma tajniehx kelma b'kelma, kif ħareġ mill-pinna ta' l-Evanġelista, xi kelma hekk, għad li wisq fil-bogħod, nagħlquha dejjem għaliha, bħalma għalaqna din li semma hawn l-Isqof Martini; u għalhekk, billi l-Evanġelju bil-Latin igħid biss "u miegħu t-tnax" ktibna "u (kienu) miegħu t-tnax" avolja l-kelma "kienu" ma daħħalnihiex aħna, imma jġibuha bit-Taljan, barra mill-Isqof Martini, il-Patri Curci u x-Xirka ta' San Ġlormu wkoll. Madankollu, għalina biżżejjed noqogħdu fuq il-Martini, li mhux biss it-traduzzjoni tiegħu ġiet imħaddma mill-Knisja Kattolika, imma aħna konna mwissijin li nimxu f'kollox miegħu"**[57] u dan jikkonferma dak li għedna qabel.

L-istess diffikultà sab f'Ġw 1,1. Hawn ittraduċa l-**verbum** tal-Latini, (Martini: **verbo**) maskil, b'**kelma,** femminil, li hi stramba meta napplikawha għal Ġesù Kristu; dan biex ma jitbiegħedx mit-test, iżda fin-noti beda juża l-**Verb Divin,** biex **"il-qarrejja ma jitfixklux u nżomm sħiħ it-tagħlim tal-Knisja".**[58] Fi Ġw 16,25 ittraduċa bit-**tixbih il-proverbi** tal-Latin, **"u nifhmu li xejn ma tbegħdna mill-ħsieb ta' l-Evanġelista, jekk ukoll ma rsaqniex lejh iżjed".**[59] Fl-**Atti** 27,8 ittraduċa **Imrasi-tajba** fuq il-Latin: **Boni-portus,** għalkemm kien jaf li fil-Grieg hemm **Kalous Limenas, Imrasi-sbieħ,** kif ittraduċa l-Curci **"li ma jibżax jerfa' salibu",** u x-**Xirka ta' S. Ġlormu.**[60] Fis-27,34 jittraduċi **videns, vidit,** (bil-Lhudi **raho raħithi) b'rajt rajt,** għax fil-**Malti l-kelma mtennija għandha saħħa kbira;** hekk ukoll Martini, Curci u Sales.[61] **In coenaculum** 9,39, insibuha bil-Malti **l-għorfa ta' l-ikel** (Martini **cenacolo)** biex iżomm mal-Latin **"biex ma nitbegħdux mit-tusijiet**

**li għandna"**, minkejja li G.M.A. raħa stramba li jqiegħdu l-kadavri fil-kamra ta' l-ikel u li bil-Malti **għorfa,** tfisser **il-kamra ta' fuq.**(62) U fl-aħħar fl-**Atti** 9,15: **vas electionis,** Martini **strumento eletto,** żamm mal-Latin u ittraduċa: **kejla maħtura,** għax il-**kejla** Maltija tersaq iżjed lejn il-**Khela** tal-Lhudi u San Luqa kien Lhudi, skond Ġ.M.A.(63) F'Atti 13,44, insibu din in-nota interessanti li tixhed għall-kura u l-attenzjoni tat-traduttur: **"Din l-aħbar tas-Sales (i.e. biex jisimgħu lil Pawlu flok il-kelma ta' Alla) ħassbitna ħafna u qallibna kotba kemm flaħna, iżjed minn tletin Fissier bejn bit-Taljan u bil-Latin: u, fl-aħħar, dorna saħansitra fuq l-Ingliż u fuq l-Ispanjol: imma kullimkien sibna biex tisma' l-kelma ta' Alla (i.e. kif ittraduċa Ġ.M.A.), avolja fl-istess Bibbja tal-Protestanti".**(64)

Ġ.M.A. kien skrupluż li jimxi fuq il-Latin, fid-dawl tal-Martini; iżda ma skruplax jikkonsulta t-traduzzjoni ta' Vassalli — Camilleri ta' l-1847, minkejja li kien iddikjara: ...**aħna mhux biss ma mxejniex fuq dawk il-kotba: imma qisna li kemm indumu naħdmu lanqas narawhom b'għajnejna. Aħna naħdmu fuq il-Latin u fuq it-Taljan ta' l-Isqof Martini mingħajr ma nifthu traduzzjoni oħra.**(65) Fit-tieni edizzjoni, dsatax-il sena wara, żgur li biddel fehmtu u fetaħ xi waħda mit-traduzzjonijiet Protestanti: **Il-Protestanti... l-innu sejħulu tislija.**(66) Dan jagħtina x'naħsbu li ikkonsulta t-traduzzjoni Protestanti kif nistgħu nwettquh minn konfront bejniethom fuq il-bażi ta' Mt 9 u Atti 28. Hekk Mt1 9,4: **"li kien jaf x'qegħdin jaħsbu",** f'Mt2 saret: **"li għaraf ħsebijiethom"** li taqbel ma' TG 1847:: **li għaraf ħsebijiethom;** Mt1 9,15: **"Jaqaw ħbieb il-għarus għandhom jagħmlu l-vistu, mita l-għarus għadu magħhom?"** Mt2: **"Jaqaw il-ħaddara jistgħu jibku sa ma l-għarus ikun magħhom";** u TG 1847: **"Jaqaw il-ħaddara jistgħu jibku sa ma l-għarus huwa magħhom?";** Mt1 9,27: **"Meta Ġesù telaq minn hemm, marru urajh żewġ għomi li bdew igħajtu u jgħidu: Ħenn għalina Bin David";** Mt2: **"Mita Ġesù telaq minn hemm, marru urajh żewġ għomi, igħajtu u jgħidu: Ħenn għalina Bin David!"** Ikollna ngħidu mela li Ġ.M.A. irreveda l-ewwel edizzjoni fuq it-TĠ 1847 u l-kuntatt bejn dawn iż-żewġ traduzzjonijiet inwettquh iżjed meta neżaminaw l-**Atti** 28: il-v. 3-5 Ġ.M.A. jittraduċi hekk: **Issa billi Pawlu ġama' ħafna żarġun u qiegħdu fuq in-nar, lifgħa li ħarġet minnu bis-sħana ħabtet għal idu. U l-barbrin,**

**mita raw id-dbiba mdendla ma' idu, bdew ighidu lil xulxin: Tassew li hu xi qattiel dan il-bniedem, biex, malli ħeles mill-baħar, il-Ħaqq ma jħallihx igħix. Imma hu farfar id-dbiba fin-nar, u ma bata ebda deni.** Din it-traduzzjoni toqrob ħafna lejn TĠ 1847: **U meta Pawlu ġama' qatgħa żarġun, u qiegħdu fuq in-nar, ħarġet lifgħa bis-sħana u ħabtet għal idu u xħin il-barbrin raw id-dbiba mdendla ma' idu, qalu lil xulxin: Tabilħaqq hu qattiel in-nies dan il-bniedem li malli ħeles mill-baħar, il-ħaqq ta' Alla ma jħallihx igħix. Imma huwa farfar id-dbiba fin-nar u ma bata ebda deni.** U l-vers 14 Ġ.M.A. jaqbel kelma b'kelma ma' TĠ 1847: **Fejn sibna l-aħwa, u konna mitlubin biex noqogħdu magħhom sebat ijiem u hekk ġejna Ruma;** u Ġ.M.A.: **Fejn sibna xi aħwa u konna mitlubin biex noqogħdu sebat ijiem għandhom; u hekk ġejna Ruma.**[67] Dan ix-xebh hu qrib wisq biex ngħidu li ġej mill-'faqar' tal-Malti, li ma jħallilekx wisq xi tvarja.

Mela Ġ.M.A. beda biex ħadem fuq it-testi Latin u l-Martini u bil-mod il-mod maż-żmien beda jinqeda wkoll bit-traduzzjoni tat-TĠ Protestant ta' l-1847 u ħalla 'l-Martini biex resaq aktar lejn il-Vulgata.

## In-Noti u l-Kummenti

In-noti jew kummenti li Ġ.M.A. daħħal mat-test tal-Vanġeli u l-Atti fil-qiegħ tal-paġna (fl-ewwel edizzjoni wara kull kapitlu) huma tal-Martini,[68] tal-Curci,[69] tas-Sales[70] u xi ftit tiegħu. Nieqfu fuq dawn ta' l-aħħar. Il-ħsieb tiegħu f'dawn in-noti jfissirhulna hu stess fl-Atti, jiġifieri, ħadhom **"dejjem minn xi għorrief oħra biex insaffi iżjed it-tifsir tal-Martini, tal-Curci, u tas-Sales, kull wieħed minnhom it-tlieta għandu sejħa għalih — jew biex nuri x'kienu n-nies imsemmijin minnhom jew biex nagħti ħjiel ta' kemm jaqbel il-Malti mal-Isien tal-Kotba Mqaddsa".**[71]

Għandna tliet xorta ta' noti: l-ewwel jiġu dawk li jfissru — Ġ.M.A. jgħid **isaffu** — in-noti tal-Martini, il-Curci, u tas-Sales, speċjalment xi kliem jew xi frażi fit-test: f'Mt 27,50 jispjega li l-aħħar għajta ta' Kristu fuq is-Salib kienet: **kollox mitmum** skond l-Evanġelisti l-oħra.[72] Hekk **Ċanni** jfisser **Ċona, Cleufa** tfisser **Cleupa; Ċużepp** flok **Ċosef;**[73] il-fils Lhudi jiswa **tmenin ħabba;**[74] **Qorban** tfisser **dak kollu li jitressaq quddiem Alla biex ikun mill-qugħ minnu u mqaddes.** Hawn qiegħed jikkritika lill-Martini għax

daħħal il-kelma **qorban** fin-nota.[75] Nota importanti hi dik fuq **lithostrotos,** fejn jissimplifika n-nota tal-Curci: **lithostrotos,** bil-Grieg, għax kien iċċangat bil-ġebel u bil-Lhudi, **gabbata,** għax kien fil-għoli.[76]

It-tieni xorta ta' noti tagħtina tagħrif dwar xi awturi antiki u oħrajn moderni msemmija mill-Martini, Curci, Sales u oħrajn: Kornelju a Lapide (Mt 1,25), Avicenna (Mt 8,4), Pelaġju (Mt 6,12), Egesippu (Lq 21,24), il-Bollandisti (Lq 24,18), Arju (Ġw 2,25), Ġustinu (Atti 20,7), Beza (Atti 15,30), Krizostmu (Atti 5,34).

L-aħħar grupp ta' noti jressaq l-ilsien jew xi użanza Maltija lejn dawk tal-Bibbja: "Il-Lhud kienu jsejħu ġentili lil dawk li kienu mifrudin minnhom kif aħna kemm idumu **skumnikati, ngħidulhom maqlubin",**[77] jonkella meta jqabbel is-sentenza **Agħti ġieh lil Alla,** formula solenni Lhudija mal-formula tal-ġurament fil-Qrati tagħna.[78] Ġ.M.A. ma jaqbilx malli qal il-Martini dwar Malta, għax "mhux għaġeb li kittieb barrani ma jkunx jaf daqsna r-rqaqat kollha tal-ġrajja li għaddew minn art twelidna".[79] Din l-idea nsibuha wkoll fil-kumment għal Mt 10,27: "Minn hawn għandna nintebħu li aħna naqblu mal-Lhudi, sewwa fil-lsien u sewwa fid-drawwiet tagħna".[80]

Dawn in-noti mhux dejjem huma validi, iżda jixhdu għall-attenzjoni ta' Ġ.M.A. fix-xogħol tiegħu u l-ħeġġa tiegħu biex jgħallem u jgħolli ġieh Malta. Ħaġa oħra ta' min jinnota hi li aktar ma kien imur 'il quddiem fix-xogħol aktar kien iżid in-noti u aktar kien jagħmel il-kuraġġ jikkritika l-kummentaturi Curci u Martini.

## It-Test Definittiv u l-Istil Letterarju

Issa niġu għat-test definittiv u l-istil Malti li uża Ġ.M.A. f'din it-traduzzjoni li, kif rajna, kienet maħsuba biex tilħaq il-poplu kollu, dawk ukoll ta' ftit skola.

## L-Ortografija u Stil

L-ewwel problema li t-tradutturi ta' qabel Ġ.M.A. kellhom ma' wiċċhom kienet l-ortografija, speċjalment il-kwistjoni ta' l-alfabet. Canolo (1882), Vassalli (1829), Camilleri (1847), Taylor

(1845), u Bonavia (1870), kollha ħolqu alfabet għalihom, min bi ħsieb u min b'ieħor.(81)

Ġ.M.A. kien aktar ixxurtjat. Meta beda jaħdem fl-1895 kien hemm l-alfabett tas-**Società Filologica Maltese** li kien jintgħallem fl-iskejjel (1850-1883) u fl-1914 il-**Muftieħ tal-Chitba Maltija** ta' Ġ. Vassallo kien ilu li ħareġ tlettax-il sena(82) u daqstant ieħor kien ilu jsaltan fost l-aħjar kittieba tal-Malti. Għalhekk Ġ.M.A. fl-edizzjoni ta' l-1914 warrab l-ortografija ta' l-1895 u qaleb għal dik ta' Ġanni Vassallo, li kienet is-sies li fuqu nbniet l-ortografija tal-**Għaqda** (illum l-**Akkademja**) **tal-Malti.**(83) Fuq dan għalhekk ma għandniex xi ngħidu aktar.

**L-Istil u l-Vokabolarju**

Wara l-problema ta' l-ortografija t-traduttur Malti kellu problema oħra fuqhiex iħabbel rasu. Xi stil u x'vokabolarju se' jagħżel? Fis-seklu li għadda meta l-kittieb Malti kien għadu qiegħed jibni u jonġor il-lingwa, it-traduttur kien iħossu mxaqleb biex jagħżel kliem semitiku, imqar mejjet, u struttura grammatikali semitika, bil-konsegwenza li kien jinbotta 'l bogħod in-nies kolti u jfixkel lil dawk b'nofs skola,(84) u din kienet waħda mirraġunijiet li t-traduzzjonijiet ta' dik il-ħabta ma qabdux art.

Ġ.M.A. sab quddiemu l-istess problemi, iżda fis-soluzzjoni tagħhom kellu l-esperjenza ta' ħaddieħor u tiegħu stess tgħinu, speċjalment bħala ġurnalista u bniedem li kien jgħix il-ħin kollu fis-soċjetà u fl-istess ħin interessat fit-trawwim ta' l-ilsien u l-kitba Maltija. Il-fatturi li ħadmu fuqu fil-formazzjoni ta' l-istil tat-traduzzjoni kienu: li ried jilħaq in-nies ta' ftit skola, iżomm fidil mat-test oriġinali (għalih il-Latin u mbagħad it-Taljan) u li jikteb Malti letterarju.

Għal dak li hu vokabolarju Ġ.M.A. ma jidhirx li kien qiegħed ifittex il-kelma semitika mejta jew nofsha mejta, iżda anqas kien ifittex il-kelma 'barranija' biex jagħti sens eżatt; imma kien jinqeda b'kelma inqas eżatta, ngħidu aħna **knisja** flok **sinagoga;**(85) **tbatija flok sagrifiċċju;**(86) **wieħed mill-kbarat flok prinċep;**(87) **tfixkil** flok **skandlu;**(88) **jitkażaw** flok **skandalizzaw ruħhom.**(89) Fejn kien jista' kien jagħżel il-kelma Maltija li toqrob lejn il-Lhudi fil-forma: **Raka** għamilha **riq** (Mt 5,22); **mammona, muna** (fl-ewwel edizzjoni **il-ġid tad-dinja**) (Mt 6,24). **Jiġi r-risq f'din**

**id-dar** immodellaha fuq il-frażi Maltija: **Ir-risq u l-barka! Basta jkun ir-risq;** kienet tkun aħjar: **Sliem lil din id-dar** (Mt1 10,12), kif fil-fatt għamilha fit-tieni edizzjoni; **loqma** għax bil-Lhudi **leqem** (Mt 12,4); **satis tribus, sea,** bil-Malti **sieħ, sigħan** bħal-Lhudi (Mt1 13,33); **baraka, barka** (Mt 14,19); **Hakeldama, qasam tad-demm** (Mt 27,3); **Qorban** taqbel mal-kelma Maltija **korban,** offerta, (skond Vassalli, igħidilna!); **sicera** tal-Latin **issir miskra** minn **siker** (Lq 1,15). L-espressjoni Latina **usque infinem,** kelma b'kelma bil-Malti: **għall-aħħar** (Ġw 13,1). Kull tant iżid xi nota filoloġika bħal meta jispjega d-differenza bejn **flaġell** u **sawt** (Atti 16,22); **felka** u **ċ-ċipp** (Atti 16,24). Din l-istess tendenza biex ixebbah it-test tal-Vanġelu mal-Malti tidher mill-ispjega etimoloġika ta' l-ismijiet ta' xi persunaġġi bibliċi bħal: **Manwel** (Mt1 23), **Barakija** (Mt1 23,35), **Ġwanni,** li ġejja minn **Joħanan** (Lq 1,13), **Roda** li taqbel ma' **Warda** (Atti 12,13).

Dan kollu jwasslu biex igħid: "Dan jurina dejjem aktar kif għedna sa mill-bidu kemm jaqbel l-ilsien Malti ma' dak li kien mexxej fi żmien Kristu".[90] Kien hawn saħansitra min qal li Kristu kien jitkellem bil-Malti!"[91] u jżid: "L-Evanġelju maqlub sewwa bil-Malti mhux talli ma jitlef xejn mis-saħħa tiegħu iżda jirbaħ bil-bosta".[92] U fl-aħħar jikteb: "... biex nuru darba għal dejjem lil dawk kollha ta' fehma oħra, li l-Evanġelju mqaddes, fil-qlib tiegħu mil-Latin u mit-Taljan, jirbaħ flok jitlef is-saħħa tan-nisġa u tal-kelma".[93]

Il-fedeltà li ried iżomm Ġ.M.A. mat-test Latin wasslitu biex daħħal jew żamm xi Latiniżmu fin-nisġa sintattika Maltija: "Imbagħad Ġesù, **mibgħutin in-nies** — **tunc dimissis turbis** — mar id-dar" (Mt 13,36); u **"miżżi t-tifħir** — hymno dicto — ħarġu għall-għolja taż-żebbuġ", flok **Kantaw l-innu ta' tifħir u ħarġu** (Mt 26,30); **"Ikollkom tbatu tfixkila** mħabba fija — **scandalum patiemini"** (Mt 26,30). Kurjuża t-traduzzjoni ta' Mt 13,57: u kienu **jitkażaw bih** — **Et scandalizabantur in eo** — flok: "U **tfixklu** minħabba fih". U Atti 28,10; **qui etiam multis honoribus nos honoraverunt** — il-Latin li jimxi kelma b'kelma fuq il-Grieg — isir: **U qimuna ukoll b'bosta ġieħijiet** flok: **Tawna wkoll minn kull xorta ta' ġid.**[94]

Minkejja din ir-rabta sfiqa mal-Latin u mat-Taljan, rabta li aktar minn **fedeltà,** hi **jasar,** u n-nuqqas — li ġej minn din

l-istess rabta — ta' rfinar letterarju li nsibu fil-kitba l-oħra, Ġ.M.A. ħoloq test bibliku fil-lingwaġġ tal-poplu ta' żmienu. Il-kliem qadim jew nofsu mejjet hu rari ħafna u n-nisġa tas-sentenzi żżomm is-sempliċità tat-test oriġinali, u għalhekk jif-tiehmu bla tbatija mqar min-nies ta' nofs skola.

U ma naħsibx li kellu tort meta Ġ.M.A. kiteb liċ-ċensur Mons. Farrugia: "Jekk mela l-Erba' Vanġeli u l-Ktieb ta' l-Appos-tli ħarġu hekk **safjin bil-Malti,** li fuqhom kull saċerdot u kull kattolku **jista' joqgħod** daqs fuq il-Latin imħaddan mill-Kurja: jekk, mhux biss **ma tbegħidx,** inqas f'kelma waħda, mill-kittieba Mqaddsa u mill-Fissiera tagħhom, imma **urew ukoll is-saħħa u r-rabta tal-Isien tagħna;** jekk fi ftit kliem, kif ġew maqlubin bil-Malti, barra milli ma jagħmlu ebda għajb lill-ebda lsien ieħor, bosta drabi saħansitra t-Taljan tal-Martini, tal-Curci, tax-**Xirka ta' San Ġlormu** u tas-Sales, mhux milqut daqshom: dan kollu Monsinjur, jien nafu lilek, għax, mirħi f'idejk mill-Isqof tiegħi, jien **ħdimt qalbieni u bla tinġiż f'ruħi".**(95) Jekk dan il-kliem għandna nobdluh b'xi ftit ta' riserva, ma nistgħux ma nifhmux l-entużjażmu u s-sodisfazzjon ta' Ġ.M.A., wara snin sħaħ ta' xogħol, li l-istess Ċensur qal li ma bidillu ebda kelma minnu.(96)

### Valutazzjoni Kritika

Wara dan l-eżami kritiku nistgħu naraw x'fadal u x'ma fadalx ta' siwi f'din it-traduzzjoni.

Nibdew mill-valur filoloġiku-letterarju. Għal dik li hi filoloġija — ortografija, etimoloġija, morfoloġija, sintassi — ikollna ngħidu li l-valur tiegħu hu skars ħafna. L-ortografija llum ma għadhiex użata għax ħadet post l-ortografija tal-**Għaqda (Akkademja) tal-Kittieba tal-Malti;** l-etimoloġija li tagħti fin-noti hi fqira; il-morfoloġija ma tantx kien qawwi fiha, u għal dik li hi sintassi, minħabba r-rabta tiegħu ma' l-oriġinal Latin jew Taljan sofriet mhux ftit. Fl-għażla tal-vokabularju żamm it-triq tan-nofs, b'mod li la hu semitiku żżejjed, u anqas ma fih kliem rumanz bla bżonn.

Madankollu rnexxielu joħloq stil Bibliku Malti adattat għal kulħadd, li naħseb kellu effett fuq il-Kitba Maltija reliġjuża, speċ-jalment meta nqisu li dawn il-kotba bdew jintużaw fit-tagħlim tal-Katekiżmu mis-Soċjetà tal-Museum u oħrajn. Għen ħafna l-kitba Maltija profana wkoll. Storikament ikollna ngħidu li t-Tra-

duzzjoni Biblika Maltija, bħalma ġara f'pajjiżi oħra, kienet il-benniena ta' l-ilsien u l-letteratura Maltija.(97) Biżżejjed nsemmu lil Vassalli u lil Saydon. Ma ninsewx li Ġ.M.A. kien il-President ta' l-Akkademja tal-Malti u tal-Kummissjoni li fasslet l-alfabet u r-reguli ta' l-ortografija li għandna llum.

Ikollna ngħidu, iżda, li l-prinċipju fondamentali li fuqu fassal l-istil u l-forma tat-test tradott illum ma għadux jiswa. Fl-imgħoddi t-tradutturi tal-Bibbja — Kattoliċi u Protestanti — kienu jħarsu aktar lejn it-test oriġinali milli lejn il-qarrejja, u hekk kienu jżommu ruħhom marbuta mat-test, u aktar milli jittraduċu kienu jittraskrivu; kienet traduzzjoni formali li tipproduċi l-forma ta' l-oriġinal, kultant b'sagrifiċċju tas-sens. Dan ġara lit-traduzzjonijiet kollha Maltin s'issa. Illum għandna t-traduzzjoni **dinamika,** jiġifieri dik li tagħti kas tal-qarrejja, u għalhekk tuża vokabularju ta' l-ilsien mitkellem u nisġa ta' sentenzi skond in-natura u l-ġenju tal-lingwa l-ġdida. It-53,000,000 kopji li nbiegħu ta' **Today's English Bible** u l-eluf tat-**Testment il-Ġdid** bil-Malti tal-Għaqda Biblika Maltija huma prova ta' dan li qegħdin ngħidu.

Ġ.M.A. ipprova jagħmel dan, iżda r-rabtiet u l-iskrupli li kellu ma ħallewhx imur aktar 'il bogħod milli mar. Naħseb li kieku Alfons Marija Galea, P.P. Grima u Saydon komplew fuq din il-linja, għall-ewwel beżgħana u attenta. ta' Ġ.M.A., kieku l-Bibbja f'Malta kien ikollha xorti ħafna aħjar u l-kitba Maltija, speċjalment letterarja, kienet tieħu xejra oħra.

Meta niġu għal dik li hi intelliġenza u fehma ta' l-oriġinal — jiġifieri l-Latin — ikollna nagħmlu riservi aktar serji.

L-ewwelnett Ġ.M.A. ħadem fuq il-Latin. It-traduzzjoni Latina ta' San Ġilormu kienet ilha ssaltan fil-Knisja għal aktar minn 1,500 sena meta Ġ.M.A. kien qiegħed jaħdem u bħal tradutturi oħra kellu jaħdem fuqha, sew għaliex din kienet iddikjarata awtentika mill-Konċilju ta' Trento,(98) sew għall-kondizzjoni li kien għamillu l-Isqof u s-Sant'Uffizzju. Fl-1943 bl-Enċiklika **Divino Afflante Spiritu** l-Papa Piju XII fetaħ il-bibien beraħ għat-traduzzjonijiet popolari direttament mill-Grieg u l-Lhudi(99) u ħeġġeġ li jsiru traduzzjonijiet għall-poplu; ħaġa li t-Tieni Konċilju tal-Vatikan wettaq permezz tal-Kostituzzjoni **Dei Verbum.**(100) Għalhekk illum nittraduċu l-Bibbja dritt mill-Grieg u l-Lhudi, mhux biss għall-istudjużi, imma wkoll għall-poplu, bir-riżultat li

t-test joħroġ aktar ħaj u ċar, kapaċi jressaqna aktar qrib lejn il-moħħ u l-qalb ta' l-awturi oriġinali.

Hawn għalhekk ma nistgħux nimxu fuq Ġ.M.A. Għalkemm ma nistgħux ngħidu b'ebda mod li titbiegħed mill-fidi u l-kredu tal-Knisja Kattolika, iżda xi ftit is-sens oriġinali sofra. Wieħed jista' jistaqsi x'jiswew mela l-kumenti tal-Martini, il-Curci, is-Sales u l-approvazzjoni taċ-ċensur? L-approvazzjoni ta' Mons. Farrugia, li fl-aħħar mill-aħħar ma kellu ebda kwalifika u awtorità fil-qasam xjentifiku ta' l-istudju bibliku, kienet tiggarantixxi l-korretezza morali u dommatika tat-test u xejn aktar. In-noti tal-Martini nkitbu fis-seklu tmintax u tal-Curci, "aktar modern", kif isejjaħlu Ġ.M.A. stess, fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Illum it-tnejn antikwati. U dan biżżejjed biex jurina li ma nistgħux nimxu fuqhom bl-għama u bla sens kritiku. Barra dan illum nagħżlu bejn kummentarju u sempliċi traduzzjoni tal-Bibbja.

Dwar in-noti li Ġ.M.A. daħħal minn rajh, speċjalment dawk ta' natura filoloġika u antropoloġika biex iressaq l-Ilsien u l-użanzi Maltin lejn il-Bibbja, naqblu fil-prinċipju, iżda jkollna ngħidu li ma nistgħux naċċettawhom bla riserva. U hawn nixtieq nistieden l-istudjużi tal-ħajja soċjali Maltija, speċjalment il-folkloristi u l-filologi Maltin biex flimkien ma' l-istudjużi tal-Bibbja nibdew proġett ta' riċerka f'dan il-qasam.

Issa niġu għall-importanza pastorali tax-xogħol ta' Ġ.M.A., u hawn jidhirli li hu l-akbar kontribut pożittiv tiegħu. Rajna f'liema ċirkustanzi kien qiegħed jaħdem: kriżi Modernista fi ħdan il-Knisja Kattolika universali u l-bidu ta' rivoluzzjoni soċjali kulturali u reliġjuża f'Malta, meta bl-attività ta' M. Dimech u oħrajn saħansitra saċerdoti — l-Arċisqof kien għadu kemm skomunika tnejn: Dun Ġużepp Maurin u Dun Ġwann Falzon — inżergħet iż-żerriegħa tas-sekolarizzazzjoni aggressiva li qiegħda tagħti l-frott sħiħ fi żmenijietna.

Id-deċiżjoni li Ġ.M.A. ħa fl-1895 u fl-1914 kienet deċiżjoni kuraġġjuża, deċiżjoni li tħares 'il bogħod. Kien hu li fetaħ it-triq għall-moviment bibliku f'Malta fuq żewġ fronti: il-front tat-traduzzjoni biblika u l-front tal-pastorali biblika, il-wieħed ma jistax jimxi 'l quddiem mingħajr l-ieħor. L-iskop tiegħu kien li jxejjen il-propaganda tal-proselitiżmu tal-Protestanti u li jgħallem il-poplu. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq, bid-dokumenti f'idejna, li

t-traduzzjonijiet Protestanti naqsu kważi għal kollox — b'eċċezzjoni tal-Ktieb tas-Salmi stampat fl-1926. L-inizjattiva għaddiet f'idejn il-Kattoliċi Maltin. Daħlu għax-xogħol tat-traduzzjoni tal-Bibbja kollha A.M. Galea, P.P. Grima, u P.P. Saydon u bdew jistampaw fl-1926 u sa l-1936 temmew ix-xogħol kollu. Din il-ħidma għadha sejra sal-lum permezz tal-**Għaqda Biblika Maltija** b'konsultazzjoni mas-Soċjetà internazzjonali **United Bible Society** u l-**British and Foreign Bible Society** ta' Londra — li kontra tagħha tant kiteb Ġ.M.A. ħaġa li llum ma hemmx postha aktar, ħlief fil-każ tat-**Trinitarian Bible Society** u s-setta tax-**Xhieda ta' Ġeħovah.** Ir-rota daret dawra sħiħa. Nittamaw li ma jdumx ma jkollna l-Bibbja sħiħa bil-Malti.

Il-poplu sar konxju ta' l-importanza ta' l-Iskrittura; biżżejjed ngħid li l-kopji li għandi tal-Vanġeli u l-Atti ta' Ġ.M.A. li fuqhom għamilt dan l-istudju kienu tan-nannu tiegħi, Annettu Penza, ġardinar l-Argotti, bil-ftit skola tas-sittinijiet u s-sebgħinijiet tas-seklu l-ieħor. Ta' sikwit kont narah jaqrahom u jitkellem fuqhom b'sodisfazzjon, konvinzjoni u ħeġġa. Dak in-nhar ma stajtx nifhem u nistma sewwa l-importanza u s-sinifikat ta' dak li kont nara u nisma'; iżda llum nifhem li jekk dan il-bniedem u ħafna oħrajn bħalu sabu l-faraġ u l-qawwa tal-Kelma ta' Ġesù Kristu fil-ħajja iebsa li kienu jgħixu kienu jafuh lil Ġ.M.A. li tahom il-kelma tal-ħajja b'ilsienhom.

Biex irawwem, isaħħaħ u jxerred dan l-interess Ġ.M.A. kien jinqeda bil-ġurnal **Il-Ħabib,** taħt id-direzzjoni tiegħu stess; għal bosta snin f'kull numru ma kienx jonqos xi artiklu jew tnejn fuq l-Iskrittura. Il-frott ta' dan kien kbir, u li kieku l-poplu kien jaf jaqra, kien ikun bil-wisq akbar.

* * *

Dan hu Ġużè Muscat Azzopardi, "Missier il-letteratura Maltija" u "Missier il-Moviment Bibliku Malti". Kien fost l-ewwel sekulari, jekk mhux l-ewwel wieħed, f'Malta, li ħass id-dmir tiegħu ta' Nisrani konvint li jingħata b'ruħu u ġismu għall-apostolat fost il-Komunità Kristjana u jqiegħed it-talenti tiegħu, l-aktar dawk letterarji, għas-servizz ta' ħutu bla interess u ambizzjoni ta' xejn. Kien hu li ħalaq il-kitba reliġjuża Maltija mibnija fuq il-Kelma ta' Alla miktuba; kien hu l-ewwel wieħed li għolla l-għajta li jinqara l-Vanġelu bil-Malti fil-quddiesa fi **Il-Ħabib** tas-7 ta'

Marzu 1916.[101] Kien hu li tana l-Missal bil-Malti għall-ewwel darba fl-1918, kien hu li fetaħ it-triq biex il-Bibbja tasal f'idejn il-poplu Malti.

Kien qiegħed jara 'l bogħod dak is-saċerdot "għaref u tar-reqqa" kif isejjaħlu Ġ.M.A., meta f'Novembru ta' l-1914 mal-ħarġa ta' l-ewwel faxxiklu ta' S. Mattew kitiblu u qallu: "Dan ix-xogħol tiegħek ta' sabar kbir u ta' reqqa mhix żgħira naħsbu li barra mill-ġid kbir li jagħmel lil ħaddieħor, sejjer igħolli lilek b'mod li ismek jibqa' dejjem jissemma ġewwa l-gżejjer tagħna".[102]

U din il-profezija qiegħda sseħħ hawn quddiemkom, illum, sewwa sew lejlet egħluq is-sittin sena minnu meta Ġużè Muscat Azzopardi temm it-traduzzjoni ta' l-Atti ta' l-Apostli u b'sodisfazzjon ġust kiteb: "b'tifkira: Ġ.M.A.... beda dan ix-xogħol tal-Ktieb ta' l-Appostli fil-15 ta' Awissu, 1915; temmu, hawn il-Belt, fis-27 ta' Mejju, 1917". U din it-tifkira għadha ħajja f'qalbna sal-lum miġbura f'dan it-tempju monument għall-Knisja li hu tant għożż u ħabb u li hi għandha dejn kbir lejh.

---

TAQSIRIET

Mt[1] — Vanġelu ta' San Mattew, Malta 1895
Mt[2] — Vanġelu ta' San Mattew, Malta 1914.
Mk — Vanġelu ta' San Mark, Malta 1915.
Lq — Vanġelu ta' San Luqa, Malta 1916.
Ġw — Vanġelu ta' San Ġwann, Malta 1917.
Atti — Atti ta' l-Appostli, Malta 1924.
BFBS — British and Foreign Bible Society.

NOTI

1. *Il-Ħabib 124*, 21/7/1914 p. 1.
2. Vanġelu ta' *S. Mattew 1895* (Mt[1]) p. 3.
3. K. Sant, *It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850*, Malta: The Royal University of Malta, 1975 pp. 23-42.
4. K. Kant, *Il-Bibbja bil-Malti 1822-1973*, *Sijon* 6 (1973) 27-31.
5. K. Sant, *It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850* Malta: The Royal University of Malta, 1975 p. 31.
6. Ark. British and Foreign Bible Society (BFBS): Kor. 1912.
7. Ark. BFBS: Kor. 1929.
8. Mt[1] p. 3.
9. *Il-Ħabib 114*, 5/5/1914 p. 2; *Il-Ħabib 155*, 23/2/1915 p. 1
10. Ċensimenti uffiċjali ta' dawn is-snin.
11. Relazzjoni ta' Mr. I.J. Kirby lil Girdlestone, Segretarju tal-BFBS, 31/3/1870. Din it-traduzzjoni tal-Martini kienu stampaw edizzjoni tagħha l-Protestanti fil-bidu tas-seklu dsatax u l-Malta Bible Society kienu ntrabtu bi statut li jqassmu lilha biss f'Malta. — K. Sant, *L-Ewwel Malta Bible Society*, *Sijon* 7 (1975-76) 85.
12. A.A. Caruana jirrelata: "The improvement and brightness of children in the Preparatory and in the two sections of the 1st class, in learning to spell

and to read Maltese through the Italian Alphabet and Orthography, have been remarkable". —
*Vice-Chancellor's Annual Report to the Senate of the University on the Progress of the Various Branches in the University, Lyceum, Secondary and Primary Schools during the Year 1888-1889*, Malta: Government Printing Press 1890 p. 31 and p. XXXIV.
13. *Ench[iridion] Bib[licum]*, Romae 1961[4] N. 83-94 106.520.535-537.
14. *Malta Government Gazette*, 16/7/1915, Notifikazzjoni 163 — Minuti tal-Kunsill Speċjali tat-Teoloġija tal-20 ta' Settembru 1915 —
L-Iskrittura kienet tintgħallem ħafif, ħafif is-Seminarju: eżeġeżi ta' xi Vanġelu darbtejn fil-ġimgħa. Fis-sena 1910 il-viżitatur Appostoliku Mons. P. La Fontaine issospenda dawn il-lezzjonijiet għax il-Lettur ma kienx kapaċi. Fis-sena 1912 beda igħallem Dun Mikiel Gonzi (aktar tard Arċisqof ta' Malta), li kien għadu ġej minn Ruma fejn kien jattendi għal-lezzjonijiet ta' l-Iskrittura fl-Istitut Bibliku Pontifiċju li l-Papa Piju X kien għadu kif waqqaf fl-1909. Fuq stedina tar-Rettur E. Magro beda jagħti lezzjonijiet *gratis*, 1913-1914; u mbagħad ha n-nomina ta' Professur ta' l-Iskrittura u Ebrajk (informazzjoni personali minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi b'ittra tad-9 ta' Novembru 1973). Sa dak iż-żmien kulma kien jintgħallem fil-Fakoltà kienu: Teoloġija Dommatka u Morali u Liġi Kanonka biss; Dun Carlo Cortis kien jagħti xi lezzjoni ta' l-Ebrajk gratis. L-Iskrittura kienet ilha nieqsa mis-sena 1773; u l-Grieg Bibliku, Storja tal-Knisja, Arkejoloġija, Liturġija, Patroloġija daħlu fl-1937 bis-saħħa tal-Kostituzzjoni: *Deus Scientiarum*. Ikollna ngħidu li l-animaturi ta' dawn ir-riformi kienu r-Rettur E. Magro u l-Professur P.P. Saydon — cfr. P.P. Saydon: *List of Publications by Members of the Teaching Staff of the University* Malta: University Press 1966; *The Sundial*[4] (1944) 28-32.
15. Mt[1] p. 5.
16. Mons. Kanonku Neriku kien professur tat-Teoloġija Morali fl-Università — cfr. P.P. Saydon: *op. cit.*; Rob. Mifsud Bonnici: *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali* Malta: Dip. ta' l-Informazzjoni 1960 p. 104.
17. Mt[1] p. 5 — Ittra oriġinali fl-Arkivju tas-Segreterija ta' l-Arċisqof, il-Kurja ta' Malta 1895.
18. Mt[1] p. 231-232.
19. Mt[2] p. XVI.
20. Mt[2] p. XIII.
21. Mt[2] p. XIV.
22. Mt[2] p. XV.
23. *Il-Ħabib* 125, 28/7/1914 p. 2.
24. *Atti* p. XIII.
25. Mt[2] p. III. *Il-Ħabib* 124, 21/7/1914 p. 7.
26. Mt[2] p. XXII.
27. ibid.
28. *Il-Ħabib* 123, 14/7/1914 p. 1; *Malta Herald*, 4/7/1914; *Gazzetta di Malta*, 16/7/1914.
29. *Is-Salib* 501, 5/9/1914 p. 7.
30. *Il-Ħabib* 125, 28/7/1914 p. 2.
31. *Il-Ħabib*, 28/7/1914 p. 2; 541, 15/6/1923 p. 3.
32. *Il-Ħabib* 139, 3/11/1914 p. 2; 140, 10/11/1914 p. 1.
33. *Il-Ħabib* 142, 24/11/1914 p. 2.
34. *Il-Ħabib* 144, 8/12/1914 p. 2.
35. *Atti* p. 400. In-nota sħiħa hi din:
Tifkira ta' Ġ. Muscat Azzopardi, B.M., P.E.P., li bil-barka tal-Papa u bis-sensja ta' l-Isqof, ġaleb f'ilsienna l-erba' kotba ta' l-Evanġelju bit-tifsir kollu ta' l-Isqof Martini u ta' għorrief oħra, kif ukoll il-*Missal Ruman*, kelma b'kelma; beda dan ix-xogħol tal-*Ktieb ta' l-Appostli* fil-15 ta' Awissu 1915, temmu hawn il-Belt, fis-27 ta' Mejju 1917; u ħarġu mill-*Empire Press* tal-*Għaqda Kattolka ta' San Ġużepp* bit-tħabrik ta' l-Editur Ġanni Magru fis-sena 1924.
36. *Il-Ħabib* 541 15/6/1923 p. 3.

37. *Il-Ħabib* 124, 21/7/1914 p. 1.
38. Mt[1] p. 5.
39. Mt[2] p. V.
40. Mt[1] pp. 3-74.
41. Mt[2] pp. XI-XII.
42. *Atti* p. XII — Ġ.M.A. hawn igħid li l-Protestanti ħallsu *tajjeb* lil M.A. Vassalli biex jittraduċi l-Vanġeli u l-Atti. Li Vassalli kien imħallas kollu minnu, iżda li tħallas *tajjeb* dan ma hu minnu xejn. Rev. W. Jowett li kien jittratta miegħu kiteb lis-Segretarju taċ-Church Missionary Society (CMS) dan li ġej: "In the meantime I have at length been able to engage a new Maltese translator, incomparably the best in the Island, both for ability and fame, viz. the learned Antonio Vassallo, author of the Maltese Lexicon, living in great poverty. ...... As to the stipend I am paying him somewhat *less than one quarter of what he asked* — a specimen how needful it is to draw in the reins" — (C/MO/39/17). — K. Sant: *It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850* Malta: The Royal University of Malta, 1975 p. 27.
43. Il-*Ħabib* 150, 19/1/1915 p. 2; 155, 23/2/1915 p. 1; 160, 6/4/1915 p. 2; 168, 8/6/1915 p. 2.
44. Ark BFBS: Korr. 1915.
45. *Sijon* 6 (1973) 28.
46. Ittra ta' Ġ.M.A. lill-Arċisqof P. Pace fejn talab il-permess biex jibda (Mt[1] p. 5; Mt[2] p. V); ittra tal-Kan. S. Grech li tawtorizzah jibda x-xogħol (Mt[1] p. 6; Mt[2] VI); oħra ta' awtorizzazzjoni fis-7 ta' Lulju 1914 (Mt[2] (VII); dokument tan-nomina tal-Mons. Kan. Luigi Farrugia bħala Teologu biex jassistih (Mt[2] VIII); ittra mill-Kardinal Rampolla (Mt[2] XIII); ittra mill-Arċisqof G. Schirò (Mt[2] XIV); oħra mill-Isqof ta' Għawdex G.M. Camilleri (Mt[2] XV) u fl-aħħar ittra taċ-Ċensur L. Farrugia (Mt[2] XVI). Kull ktieb kellu dedika lil xi ħadd.
47. *Il-Ħabib* 140, 10/11/1914 p. 1 Mt[1] XVII-2; Atti XIV-XVIII. Magħhom żied ukoll lista tas-siltiet użati fil-Liturġija LI-LVI.
48. Ġw p. 12; Atti p. XVIII-XXIII.
49. Mt[1] p. 6; Mt[2] p. VII.
50. Mt[1] p. 46.
51. Lq p. 45:
"Flok il-kelmiet *lill-bnedmin ta' rieda tajba,* fil-Grieg tal-lum hemm *fehma tajba għall-bnedmin*: imma jidher ċar illi dawn il-kelmiet qegħdin aħjar fil-Latin, imħaddan mill-Knisja Kattolika, minn kif jinsabu fil-Grieg tal-lum, imħaddan mll-Protestanti, għax l-iżjed antiki fost l-istess Għorrief tal-Knisja Griegi jġibuhom hekk ukoll, bħal-Latin. (U dan jeħtieġ indaħħluh sewwa f'rasna, għax l-Evanġelji BIL-MALTI, li xerrdu hawn fostna l-Protestanti, barra milli huma *bla tifsir,* biex jiċħdu lill-Knisja Kattolika l-jedd, tagħha biss, li tfissirhom, huma wkoll maqlubin kollha mill-Grieg tal-lum li f'bosta ħwejjeġ tas-sustanza ma jaqbilx mal-Latin tar-Reliġjon tagħna)".
52. Mt[1] pp. 72; Mt[2] p. 67.
53. Mt[1] pp. 72-75; Mt[2] pp. 68-75.
54. Atti pp. 360-377.
55. Mt[1] p 167 imma f'Mt[2] neħħiha u ħalla n-nota.
56. Lq p. 119.
57. ibid. nota 1*
58. ħw p. 13.
59. Ġw p. 268.
60. Atti p. 344.
61. Atti p. 356.
62. Atti p. 114.
63. Atti p. 105.
64. Atti p. 168.
65. Mt[1] p. 3.
64. Atti p. 3.
65. Mt[1] p. 3.

66. $Mt^2$ 26, 0 p. 219.
67. Atti 28, 14 p. 372.
68. Antonio Martini (1720-1809) kien Arċisqof ta' Firenze. Fl-1769 ħareġ it-traduzzjoni bit-Taljan tat-Testment il-Ġdid mill-Grieg, imma mqabbel u mfisser skond it-test Latin tal-Vulgata. Ittraduċa wkoll it-Testment il-Qadim mill-Vulgata ikkontrollata mit-test Ebrajk u ippubblikah fis-snin 1771-81, bin-noti meħudin mis-Santi Padri. Dan it-test sar qisu t-test uffiċjali għall-Kattoliċi Taljani. Din it-traduzzjoni kienet popolari ħafna hawn Malta, sakemm ħadet postha t-traduzzjoni ta' Patri Marku Sales O.P. Il-BFBS kienet stampat kopji tagħha bla noti u l-*Malta Bible Society 1816-1835* kienet tqassamhom hawn Malta fis-seklu l-ieħor.
69. Carlo Maria Curci S.J. (1810-1891). Kien Professur ta' l-eżeġeżi Biblika u predikatur imsemmi u wieħed mill-fundaturi taċ-*Civiltà Cattolica.* Kien kittieb mogħti għall-polemika. Minħabba l-kitba tiegħu dwar l-Istati Pontifiċji u l-Poter Temporali tal-Papa ħareġ mill-Kumpanija tal-Ġiżwiti. u kien sospiż u l-kotba tiegħu ikkundannati. Miet fi ħdan il-Knisja u s-So'jetà tal-Ġiżwiti. L-aqwa opra tiegħu hi *Lezioni esegetiche e morali sopra i quattro Vangeli* (1874-76), ibbażati fuq it-test Grieg. Mhux ta' b'xejn Ġ.M.A. jgħid li "ma kienx jibża' jerfa' salibu".
70. Marco Sales O.P. (1877-1936), Professur tal-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università ta' Friburgu u l-*Angelicum* f'Ruma. L-opra prinċipali tiegħu hi *La Sacra Bibbia Commentata* li minnha laħaq ippubblika t-Testment il-Ġdid (2 vol. 1912-1914) u t-Testment Qadim sas-*Salmi* 1918-1934. Fiha kien stampat it-test Latin naħa u t-traduzzjoni Taljana n-naħa l-oħra tal-Martini riveduta b'kummenti aktarx konservattivi. Ma' dawn inżidu wkoll Kornelju u Lapide 'l hemm u 'l hawn, $Mt^1$ p. 33-47.
71. Att p. XXIV.
72. $Mt^1$ p. 224.
73. Ġw 21, 15 p. 326.
74. Lq 7. 4 p. 116.
75. Ġw 17, 19 p. 279.
76. Ġw 19, 13 p. 302. Eżempji oħra: $Mt^1$ pp. 47, 63, 68, 69, 77, 86, 128. 142, 148; $Mt^2$ 3, 7; 5, 47; 8, 5; 9, 9; 10, 4; 15, 39; 18, 24; 24 38; 29, 32; 27, 52; 27, 57; 23, 5; Mk 12, 33; 15, 47; Ġw 5, 1; 13, 23; Atti 7, 6; 7, 42; 13, 22; 27, 44; 28, 30; 27, 33.
77. Lq 6, 22 p. 99.
78. Ġw 9, 24 p. 162.
79. Atti 28, 1 p. 360. Hawn Ġ.M.A. idaħħal nota fuq oħra dwar Malta. Eżempji oħra: $Mt^1$ p. 88; 5, 18; 13, 22; 14, 18; 16, 35; 28, 7.8.30.
80. $Mt^1$ p. 104. Atti 10, 9.
81. K. Sant: *It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850,* Malta: The Royal University of Malta, 1975 p. 31.
82. Ġ. Vassallo: *Il-Muftieħ tal-Kitba Maltija,* Malta 1901.
83. A. Cremona: *Ġanni Vassallo f'Antoloġija ta' Proża Maltija,* Malta: MUP, p. 136.
84. K. Sant: ibid. pp. 42-48.
85. $Mt^1$ 6, 5 p.
86. Mt 9, 13 p. 70; 12, 7 p. 95.
87. $Mt^2$ 9, 18 p. 72. Tradotta wkoll: Sultan (Ġw 12, 31) ħakem ($Mt^2$ 9, 23) sajjied ($Mt^1$ 9, 23).
88. $Mt^2$ 26, 31 p. 219.
89. Mt 13, 57 p. 112. Eżempji oħra: $Mt^2$ 12, 41; 27, 10; Mk 4, 39; Lq 4, 12; 10, 38; 12, 21; Ġw 1, 47; Atti 19, 2.
90. Mt 27, 3 p. 230; 27, 46 p. 239; Ġw 1, 41 p. 30.
91. $Mt^1$ p. 94. $Mt^2$ p. 90.
92. Ġw 13, 1 p. 222.
93. Lq 11, 5 p. 159.
94. Atti 28, 10 p. 370.
95. Atti: Dedika p. IV.

96. Mt² p. XVI.
97. K. Kant: *It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850*, Malta: The Royal University of Malta, 1975 pp. 23-48.
98. Ench Bib. Romae 1961⁴ n. 61.
99. Ench. Bib. 1961⁴ Romae n. 556.
100. Kost. Dem. *Dei Verbum* n. 22.
101. "Iżda jekk dari kienu jifhmu ħafna dan l-ilsien (Latin) mhux hekk fi żmenijietna; u għalhekk tkun ħaġa wisq xierqa u meħtieġa, li l-poplu, għallanqas nhar ta' Ħadd, jisma' mill-fomm tal-qassis l-Evanġelju bl-ilsien tiegħu. Għalhekk din l-aħbar nistennuha mwettqa b'digriet ta' Ruma biex il-poplu Malti bħall-poplu Taljan, nhar ta' Ħadd, f'kull Quddiesa, jisma', bi lsienu li jifhem, il-biċċa ta' l-Evanġelju li dak in-nhar tkun tmiss". *Il-Ħabib* 213, 25/4/1916 p. 1.
102. *Il-Ħabib* 142, 24/11/1914 p. 2.



**Hawn fuq jidhru l-ewwel kumitat ta' l-Akkademja tal-Malti (dak iż-żmien kien jisimha Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti), flimkien mal-membri tal-Kummissjoni li nħatret fl-1920 biex tħejji t-Tagħrif FUQ IL-KITBA TAL-MALTI. Fosthom jidher Ġużè Muscat Azzopardi bħala l-President tal-Għaqda.**

**Mix-xellug għal-lemin (bil-wieqfa): Ġużè Micallef (Kumitat), Rog. Cachia (Kumitat), A.M. Borg (Kumitat), F.S. Caruana (Segretarju, Kumitat), Ġużè Micallef Goggi, P.P. (Kumitat); (bilqiegħda): Ġużè Darmanin-Demajo, P.L. (Kaxxier, Kumitat), Mons. Dun Karm Psaila (Kumitat u Kummissjoni), Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, B.M., P.E.P., P.L. (President, Kumitat u Kummissjoni), Ġanni Vassallo (Kummissjoni), Ninu Cremona (Kumitat u Kummissjoni).**

# ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI
# Kittieb ta' Proża Reliġjuża

kitba ta' DUN ĠAKKIN SCHEMBRI

Biex lil Ġużè Muscat Azzopardi jingħatalu t-tifħir mistħoqq għall-ħidma letterarja fil-qasam reliġjuż, qed jaqbdu id f'id, bħal fiż-żifna Maltija, tnejn mill-għaqdiet tagħna. F'armonija bħal ta' l-orgni ta' San Ġwann, ingħaqdu flimkien il-lejla l-Għaqda Kulturali tar-raħal li raħ jitwieled u l-Għaqda Biblika tal-Gżejjer Maltin li stagħnew bih.

Min iressaq il-lenti fil-qrib, fuq il-paġni tal-ġrajjiet li bihom hija minsuġa l-istorja ta' Gżiritna, ma jintebaħx biss li l-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi għall-bidu ta' Awissu se jagħlaq ħamsin sena minn meta Malta bkietu mejjet waqt li l-Letteratura tagħha, fil-mewt ta' min kien Missierha, sfat iltima; iżda jintebaħ ukoll li l-Għaqda Biblika waslet biex tagħlaq għoxrin sena minn meta ż-żewġ professuri, Saydon u Sant, xettluha fostna; u jintebaħ, fuq kollox, li dan it-tempju majestuż li ngħbarna fih qed jagħlaq erba' mitt sena minn meta Cassar u La Cassière temmew jibnuh u fetħulu l-bibien beraħ għal lejlet il-festa tal-kbir Battista. Jekk jitħajru jisktu l-qniepen, ejjew inħallu d-daqq ħlejju ta' l-orgni j'kser il-ħemla ta' kull bruda reliġjuża, ta' kull apatija kulturali. B'hekk, fit-tifkira ta' ġrajjiet bħal dawn, jistagħna l-moħħ. B'hekk il-qalb tithenna.

Kull meta jmut xi ħadd li kellu aktarx elf ġid, in-nies araha tistaqsi: "X'ħalla?" Kienet is-sena 1927. Nhar il-festa ta' San Duminku. Ftit qabel ma bdiet ħierġa l-purċissjoni, f'xi l-5.35 ta' wara nofs in-nhar, fid-dar ta' Marsamxett ġo Triq Santa Luċija, daqs tefgħa ta' ġebla bogħod minn fejn ninsabu bħalissa, il-kittieb Muscat Azzopardi daħal fir-raqda ta' dak is-Sliem li Alla biss jaf jagħtihulna sħiħ. U n-nies bil-kurżità tas-soltu bdiet tistaqsi: "X'ħalla?" U Malta qamet fuq tagħha, u wieġbet dak il-ħin: "Ħalla warajh kemm igawdi kulħadd:

— 76 sunett bil-Malti, minbarra bosta poeżiji oħrajn itwal fl-ilsna Taljan u Malti;
— 6 rumanzi bil-Malti li huma ħolqien tiegħu;
— 8 oħra maqlubin għall-Malti minn ilsna oħrajn;

— dramm bit-Taljan bi sfond lokali;
— l-istorja ta' Malta maqluba minnu mit-Taljan għall-Malti;
— xi ħajjiet ta' qaddisin miktubin bi stil jingħoġob;
— xi kotba, għal idejn il-Maltin, tajbin għat-talb, ewlieni fosthom il-Missal għall-Ħdud u l-Festi;
— traduzzjoni Maltija ta' l-Evanġelji u ta' l-Atti ta' l-Appostli;
— xi ħames ġurnali li bdiehom hu;
— u għadd sabiħ ta' artikli u konferenzi li ħarġu mill-pinna tiegħu..."

U stagħġbet in-nies dak in-nhar, u mibluha stqarret malmedda ta' dawn l-aħħar ħamsin sena: "Iva, il-kitba li ħallielna tibqa' tifkira għal dejjem: monument bħal dan, iż-żmien ma jħassru qatt!"

Fost dan il-wirt letterarju li ħallielna m'hemmx biss ir-rumanzi storiċi li jaf bihom, tista' tgħid, kulħadd. Hemm ukoll daqs ħames rakkonti oħrajn li fihom iħaddem il-wieħed jew l-ieħor minn dawn iż-żewġ forom letterarji: hemm tlieta minnhom li nsejħulhom ħajjiet ta' qaddisin, filwaqt li t-tnejn l-oħra nkitbu bħala rumanzi storiċi-sagri. Se nitħaddtu hawnhekk fuq din il-ġabra ta' ħames kotba ta' proża. Il-ħsieb tagħna hu li nixħtu xaqq dawl fuq ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI BĦALA KITTIEB TA' PROŻA RELIĠJUŻA.

Il-bidu tal-ħajja letterarja Maltija ta' Muscat Azzopardi ħareġ jixbah, kif narah jien, lill-bidu tal-ħajja artistika Maltija tal-pittur Kalabriż, Mattia Preti. L-ewwel xogħol tal-Preti għal hawn Malta kien kwadru ta' San Ġorġ — dak li għandna ġo dan il-konkatidral, fil-kappella ta' Aragona. Hekk ukoll, l-ewwel ktieb li qatt ħareġ bil-Malti l-Kavalier Muscat Azzopardi kien **Il-Ħajja ta' San Ġorġ.** Ta' Qormi li kien, Qormi fil-ħsieb u l-qalb, nisthajlu ried jissiġilla bil-pinna l-istqarrija ta' mħabba li kellu tfawwar f'qalbu żagħżugħa lejn il-Qaddis Kavalier tal-knisja xwejħa li Ġużè tgħammed fiha. Dak iż-żmien, fl-1874, kellu biss għoxrin sena maħluqa, u ġa kien irnexxielu jagħraf il-ħtieġa li n-nies ta' raħal twelidu tingħatalhom f'idejhom il-ħajja tal-qaddis tagħhom imfissra fi lsienhom stess. It-Taljan hu kien tgħallmu bis-sħiħ, fis-Seminarju ta' l-Imdina. U nista' naħseb zijuh, Dun Salv Muscat, kemm kien iħeġġu. Għalhekk, ħa f'idejh il-**Vita e Passione di San Giorgio Martire** miktuba minn saċerdot ta' waħda mid-djoċesijiet ta' Torin, u

qalibha għall-Malti: dak il-ktieb ta' Dun Eldrado de Fazy kien ħareġ erba' snin qabel (fl-1870) ġo Torin stess.

Biex wieħed jifhem malajr kemm ġa kellu stil sabiħ u mexxej fil-kitba tal-Malti, se nislet minn dak il-ktieb ewlieni l-ewwel sentenza jew tnejn — dwar il-belt fejn twieled San Ġorġ: "Xi għoxrin mil bogħod minn Ġerusalemm, in-naħa tal-baħar Mediterran, tinsab il-belt ta' Lud, fejn kienet toqgħod ir-razza ta' Benjamin, bin Ġakob. Din il-belt, imdawra mill-bnadi kollha bis-siġar tal-palm u taż-żebbuġ, kienet ħadet l-isem ta' Lidda; u, ftit wara, ir-Rumani, li kienu bnew fiha knisja kbira 'l-alla falz Ġôve, reġgħu semmewha Diospolis." Qabbel, għal dak li hu stil, din is-silta — dwar ir-raħal fejn twieled Muscat Azzopardi nnifsu — meħuda mir-rumanz tiegħu oriġinal **Susanna,** miktub xi disa' snin wara (fl-1883): "Minsuġ triq ġo l-oħra, donnu magħmul għal tapposta biex 'l-insara jinħbew fih mill-qilla tat-Torok, (Ħal Qormi) qiegħed bejn żewġ widien mill-isbaħ, fejn l-ilma li jaqla' mill-aħjar xaqliba tagħna jagħmel bħal żewġ xmajjar ma' tulek jà xitwa u jibqa' sejjer għall-baħar, imdawwar minn kullimkien bis-siġar tat-tamar."

Is-saċerdot għaref u kittieb magħruf minn San Ġorġ f'Għawdex, Dun Alwiġ Vella, li iżjed tard sar Monsinjur u Arċidjaknu tal-Katidral f'hemmhekk, tana l-isbaħ ġudizzju dwar dak ix-xogħol bikri ta' Muscat Azzopardi. Isemmi li ftit tas-snin wara ġie sal-Belt, dar il-ħwienet kollha tal-kotba, u ma sabx jixtri l-**Ħajja ta' San Ġorġ** ta' Muscat Azzopardi: dan ifisser li l-ktieb kien inħataf. Isemmilna wkoll li kienu ġew f'idejh bosta ħajjiet ta' dan il-qaddis martri, iżda meta qrahom l-ebda waħda ma kienet għoġbitu daqs dik li kiteb Dun Eldrado de Fazy: dan juri li Muscat Azzopardi, imqar jekk kellu biss għoxrin sena meta qalibha għall-Malti, għażla bħal dik hu kien għamilha sewwa. Kien Dun Alwiġ Vella nnifsu li, fl-1890, ħareġ it-tieni edizzjoni ta' dan il-ktieb. Muscat Azzopardi reġa' ħariġha mill-ġdid fl-1907. Lid-Direttur ta' l-istamperija tad-Dar ta' San Ġużepp tal-Ħamrun, li kien Dun Ġorġ Bugeja, issa kitiblu hekk: "Inċedilek għalkollox il-proprjetà tal-ktieb — u rrid li l-qliegħ kollu jmur għat-tfal (orfni) ta' din id-Dar." U jżid isemmilu: "Dan il-ktieb kien l-ewwel wieħed li jien ktibt bil-Malti, u meta ktibtu ma kellix ħlief għoxrin sena. Imm' issa għaddew minn fuqi tlieta u tletin oħra... Għalhekk, jien

jidhirli li, mingħajr ma nbiddel ebda kelma mill-ktieb, għandi mmiss xi ftit l-ortografija..., biex inġibha mexxejja ma' l-ortografija ta' llum.'' Dan ifisser li f'żgħożitu l-istil tal-proża tiegħu kien ġa sabiħ u mexxej biżżejjed, hekk li fl-1907, meta kellu xi 54 sena, ma deherlux li kellu x'jirfina u jorqom fih.

Tassew li, ftit wara li żżewweġ, Ġużè Muscat Azzopardi ħalla 'l Ħal Qormi u ġie joqgħod il-Belt — mill-Belt ta' Pinto għall-Belt ta' La Valette — iżda mħabbtu lejn San Ġorġ ma nesihiex warajh! Dik ġarra miegħu. Dan nafuh minn dik l-ittra ta' l-4 ta' Ġunju, 1907, fejn lil Dun Ġorġ Bugeja jistqarrlu hekk: ''Kieku kelli nikteb il-Ħajja ta' San Ġorġ illum, kont niġbed wisq aktar fit-tul, għax, biex niġbor biss li naf issa fuq id-devozzjoni tiegħu mad-dinja kollha..., ma jservunix żewġ kotba daqs dan; imma l-Qriema ma għandhomx bżonn min iħajjarhom b'ħafna kliem għall-imħabba ta' San Ġorġ, għax ħadd fid-dinja ma jħobbu iżjed minnhom.'' Fi kliem ieħor, meta s-Sur Ġużè ġie joqgħod fil-parroċċa filjali (dik ta' San Duminku), xorta waħda baqa' jaqra u jqalleb u jfittex dwar il-Qaddis tal-parroċċa matriċi.

Liema kienu — nistħajjilkom issa tridu tafu — il-qaddisin l-oħrajn li Ġużè Muscat Azzopardi ħallielna dwarhom xi xogħlijiet ta' proża? Imqar ħarsa ħafifa lejn uħud mit-titli tas-sunetti tiegħu kienet tkun biżżejjed biex nintebħu bir-repertorju varjat ta' qaddisin li kellu għal qalbu. Fit-tiżwiq tagħhom, nistħajjilhom il-qaddisin tan-niċeċ li jżejnu xi wħud mill-faċċati tad-djar fit-toroq ta' Malta u Għawdex. Fost ir-rumanzi maqlubin minnu għall-Malti minn ilsien barrani jingħaddu dawn it-tnejn: **Ġanna d'Ark** (jiġifieri, Santa Ġovanna d'Arco) u **Il-Ħalliel it-Tajjeb** (jiġifieri, wieħed mit-tnejn li sallbuhom ma' Ġesù). Fil-lista, imbagħad, tal-kotba sagri ta' Muscat Azzopardi, minbarra **l-Ħajja ta' San Ġorġ** insibu tnejn oħra, u t-tnejn huma kitba tiegħu, stess minflok maqlubin minn xi lsien ieħor: **Il-Ħajja ta' San Filippu Neri** u **Il-Maħbub ta' Ġesù** (jiġifieri, l-Appostlu San Ġwann).

Nibdew mir-rumanz storiku-sagru **Ġanna d'Ark.** Jeanne d'Arc, xebba ta' tmintax-il sena, għexet fi Franza fil-bidu tas-Seklu Ħmistax. Wara li kien ġa qaleb għall-Malti l-ħajja ta' qaddis gwerrier bħal San Ġorġ, xejn ma neħodha bi kbira li fl-1894 Muscat Azzopardi qaleb ukoll mit-Taljan ir-rumanz, li tassew isaħħrek taqrah, dwar Santa Ġovanna d'Arco, hi wkoll qaddisa

gwerriera u mexxejja ta' eżerċtu sħiħ li bħalha ma dehrux darb'oħra. Fiż-żewġ każi spikka l-fatt li għan-nisrani l-ħajja hija taqbida li jeħtieġlu jirbaħha: it-taqbida hi mal-qawwa tad-dlamijiet: iżda f'isem Alla u bil-għajnuna tiegħu jirnexxilu joħroġ rebbieħ: il-bjuda tal-verġinità u l-ħmura tal-martirju — iż-żewġt ilwien tal-Bandiera Maltija! — jitwaħħdu mal-ħeġġa taż-żgħożija f'ġavintur u xebbiet bħal Ġorġ Anici u Ġanna d'Ark...

Jidhirli jien, li bejn wieħed u ieħor, dan ukoll hu l-ħsieb ta' Muscat Azzopardi f'uħud mir-rumanzi storiċi mibnijin minnu fuq xi ġrajja ta' qlubija meħuda mill-imgħoddi ta' gżiritna, ibda minn **Toni Bajada** u spiċċa f'**Nazju Ellul.** Il-qlubija ta' dawk il-protagonisti, sew jekk meħudin mill-ġrajja kif tassew seħħew, sew jekk huma frott ta' l-istħajjil tal-kittieb, itellgħalna fil-wiċċ l-element patrijottiku. Fl-Italja — u f'Malta wkoll — ta' żmien ir-Risorġiment, ir-rumanzi storiċi miktubin bit-Taljan kienu jħaddnu u jwaħħdu fihom żewġ xejriet — motivi patrijottiċi ta' qlubija li jintisġu bi ħjut romantiċi ta' mħabba. Huma l-karatteristiċi li kellhom, fis-seklu li għadda, ir-rumanzi ta' Cesare Cantù, Massimo D'Azeglio, u Ippolito Nievo. Iżda wieħed ma jistax jinsa l-influss ukoll ta' Alessandro Manzoni fuq ir-rumanzi storiċi li nkitbu bit-Taljan, l-aktar hawn Malta — sew minn kittieba Taljani (eżiljati li sabu l-kenn hawnhekk) bħal Dante Gabriele Rosetti u Ifigenia Zauli-Saiani, kif ukoll minn kittieba Maltin (li kitbu bit-Taljan) bħal Nikol Zammit u Ramiro Barbaro. Flimkien ma' dawk iż-żewġ elementi ta' qlubija u mħabba, nilmħu jispikka f'**I promessi sposi** tal-Manzoni element ieħor — il-preżenza ta' Alla fl-istorja. Hekk ukoll fil-kitba oriġinali ta' Muscat Azzopardi, u xejn anqas meta ġie biex jagħżillek rumanz ħalli jaqlibhulek għall-Malti.

Mela, f'Ġanna d'Ark — fil-ktieb u fix-xbejba — jitwaħħdu ż-żewġ elementi, dak patrijottiku u dak reliġjuż. Il-qlubija u l-qdusija nsibuhom imwaħħdin f'persuna waħda. Ninnota, fl-aħħar-nett, li l-1894 — meta Ġużè Muscat Azzopardi ħareġ dak ir-rumanz sagru fuq ix-Xbejba ta' Orleans — ħabtet sewsew is-sena li fiha l-Papa Ljun XIII iddikjaraha Venerabbli: kien l-ewwel pass qabel ma isimha, iżjed tard, tniżżel fil-lista tal-beati (fl-1909) u tal-qaddisin fl-(1920).

**Il-Ħalliel it-Tajjeb** hu r-rumanz l-ieħor storiku-sagru li Muscat Azzopardi qalibhulna mill-ilsien barrani. Ħareġ bil-Malti fis-sena

1901. Bit-tħabrik ta' wliedu, is-Sur Ivo u s-Sur Ġino, hawn imxerrda fl-idejn illum it-tieni edizzjoni, dik ta' l-1960. Ix-xogħol oriġinali naħuh lill-pinna ta' Florence Morse Kinsley. Ma kenitx l-ewwel darba — lanqas l-aħħar waħda — li nkiteb rumanz mibni fuq ġrajjiet kif naqrawhom fl-erba' Evanġelji waqt li, imħalltin magħhom b'ċerta sengħa ta' kitba, insibu episodji oħrajn li huma ħolqien tal-fantasija tal-kittieb jew, xi drabi, meħudin minn dawk li nsejħulhom evanġelji apokrifi.

X'nifhmu meta ngħidu li jeżistu kotba li jissejħu apokrifi? Fil-herqa li kulħadd igħid tiegħu u jżid ukoll mal-ftit li jaf, kien hemm xi wħud mill-insara tat-tieni u tat-tielet seklu li tħajru jiktbu xi ħaġa huma wkoll dwar il-ħajja ta' Ġesù; u kienu jinħbew taħt isem xi wieħed mill-Appostli, hekk li l-ktieb tagħhom isemmuh, ingħidu aħna, l-Evanġelju ta' ... San Ġakbu, jew ta' ... San Tumas, jew ta' ... San Pietru. F'dawk l-evanġelji apokrifi niltaqgħu, xi drabi, ma' tagħlim żbaljat u eretiku, u għalhekk — iżda mhux għalhekk biss — il-Knisja tagħna qatt ma qisithom bħala mnebbħin minn Alla. Iżda fihom ġie li nsibu xi ħaġa tajba wkoll. Ismijiet bħal Ġwakkin u Anna, għal missier u omm il-Madonna, jew it-tliet ismijiet Melkjor u Gaspar u Baldassar, għall-Maġi, mill-apokrifi ħadniehom. Hekk ukoll, l-erba' Evanġelisti jsemmulna li ma' Ġesù ssallbu wkoll żewġ ħallelin, iżda x'kien jisimhom ma jgħidulniex.

Fost il-kotba apokrifi hemm wieħed li jissejjaħ **l-Evanġelju ta' Nikodemu** (imsejjaħ ukoll **l-Atti ta' Pilatu**) fejn naqraw, fost kollox, li l-ħalliel il-ħażin kien Ġesta u t-tajjeb kien Diżma (jew: Dema) Iżda, skond ktieb ieħor apokrifu bl-isem ta' **l-Evanġelju Għarbi tat-Tfulija** (ta' Ġesù), il-ħalliel it-tajjeb kien jismu Titu u l-ħażin kien jismu Dumak. Dawn ta' l-aħħar — Titu u Dumak — huma ż-żewġ ismijiet li niltaqgħu magħhom fir-rumanz **Il-Ħalliel it-Tajjeb.** Ħlief f'xi taqsimiet li huma meħudin ħaġa b'ħaġa mit-tagħrif li għandna dwar Ġesù fl-erba' Evanġelji tagħna, innisġa tar-rakkont hija ħolqien tal-fantasija ta' min kiteb ir-rumanz. Il-ħlieqa hija din:

Mela darba, f'Ġerusalemm deher wieħed barrani, Dumak, li kien Grieg ta' karattru krudil u kiefer, u tefa' għajnejh fuq waħda mill-qaddejja tal-qassis il-kbir Kajfas. Dumak, ta' ħalliel li kien, lil din Priska seraqha, bit-tarbija b'kollox li kellha f'ħo-

ġorha, iċ-ċkejken David ma kienx għajr it-tifel ta' Qajfas, li ma kellux iben ħliefu. Dumak, fil-Galilea, fejn mar joqgħod biex ikun bogħod minn Qajfas, lit-tifel beda jsejjaħlu Titu biex żgur ma jingħarafx li kien it-tarbija l-misruqa tal-qassis il-kbir. Dumak kellu ċorma ta' ħallelin u lil Titu rabbieh f'dik il-ħajja — qisu (miskin!) Oliver Twist li sab ruħu fil-klikka ta' Fagin u Bill Sikes u l-Artful Dodger! Fl-aħħar, sew Dumak kif ukoll Titu nqatgħetilhom għall-mewt, mixlijin fuq ħafna serq u ħafna qtil u l-aktar għax ħadu sehem fir-rewwixta li Barabba qajjem kontra Pilatu u r-Rumani. Fuq il-Kalvarju, qrib it-tmiem tar-rumanz, l-element drammatiku jilħaq l-aqwa tiegħu. Dumak, jiġifieri l-ħalliel il-ħażin, jinstama' jgħid lil Malku (li kien, kif tafu, il-qaddej tal-qassis il-kbir) li l-imsallab l-ieħor, jiġifieri l-ħalliel it-tajjeb, ma kienx għajr l-iben il-misruq ta' Qajfas... Meta Qajfas, fil-palazz tiegħu, sar jaf b'dan, jibda jistaqsi miblu: "Imsallab?... Imsallab mas-Salħar ta' Nażar? Ibni David u l-Iben t'Alla! Imsallbin flimkien!... Imsallbin..."

Fl-1907 il-kittieb tagħna ħareġ il-ħajja ta' qaddis ieħor — **Il-Ħajja ta' San Filippu Neri,** miktuba minn Muscat Azzopardi nnifsu, mhux miġjuba fil-Malti minn kitba ta' ħaddieħor. Imwieled fl-ewwel snin tas-Seklu Sittax ġo Firenze, il-"buon Pippo" — "it-twajjeb Filippu", kif kienu jsejħulu n-nies — sar l-Appostlu ta' Ruma. Narawh iżur l-isptarijiet. Nilmħuh dieħel saħansitra fil-ħwienet. U dejjem jirnexxilu jirbaħ il-qlub, b'dik it-tjubija tiegħu. Hemm Appostlu ieħor ta' Ruma li (ngħidhielkom kif in-ħossha) dejjem fakkarni fih — Ġwanni XXIII. Dan il-"Papa buono" ħareġ jixbah lil dak il-"buon Pippo" — u mhux bil-bixra ta' barra biss! Tiftakru ġo l-isptar ta' San Gianicolo f'dawk il-'wards' tat-tfal, min isejjaħlu minn naħa, min minn oħra? Konna rajnieh ukoll fl-aħbarijiet meta mar iżur lill-ħabsin tar-Regina Coeli: biex jagħmlilhom il-qalb, semmielhom li hu wkoll kellu f'razztu min xi darba daq il-ħabs... għax kien inqabad imur għall-kaċċa mingħajr liċenza!... Madwar La Chiesa Nuova u fit-toroq l-oħra tal-qalba ta' Ruma għandek tintebaħ (kif kont nintebaħ jien) li San Filippu Neri fi żmienu kien jaħrathom dawk it-toroq, u l-ġid li kien jagħmel qisu għadu jinħass sa -llum. Illum inzertat il-festa tiegħu!

Mill-pinna ta' Muscat Azzopardi għandna wkoll il-ħajja ta'

l-Appostlu Ġwanni — dak li fl-Evanġelju li kiteb isejjaħ lilu nnifsu "d-dixxiplu l-maħbub ta' Ġesù" (Ġw. 13:23). Għalhekk dan ix-xogħol oriġinali ta' Ġużè Muscat Azzopardi jġib dan l-isem: **Il-Maħbub ta' Ġesù.** Deher fis-sena 1908, jiġifieri sena biss qabel ma ra d-dawl ir-rumanz **Nazju Ellul,** li hu l-kapolavur ta' dan il-kittieb tagħna. Sewwa ntqal li l-aħjar proża ta' Muscat Azzopardi dehret matul l-ewwel għaxar snin ta' dan is-seklu — mill-1901, meta ħareġ **Il-Ħallie! it-Tajjeb,** sa l-1909, meta ħareġ **Nazju Ellul.** Jekk trid taf kemm irnexxa sabiħ u mexxej dan ix-xogħol tas-sena 1908, jiġifieri **Il-Maħbub ta' Ġesù,** aqra (ngħidu aħna) dik il-paġna fejn, mill-kuntrast ta' bejn iż-żewġ Appostli Pietru u Ġwanni, joħroġ ċar daqs il-kristall il-karattru tal-wieħed u ta' l-ieħor minn dawn iż-żewġt iħbieb tal-qalb, imma l-aktar dak ta' Ġwanni bħala l-protagonista tal-ktieb. U tistħajlek quddiem kwadru tal-Caravaggio jew wieħed minn ta' Zahra.

"Pietru u Ġanni ma kenux ta' l-istess għamla: Pietru bniedem sfiċċaż, avolja raġel magħmul u miżżewweġ — lest biex jixteħet f'riġlejn Ġesù l-ewwel wieħed u lest biex jiċħdu — lest biex imur warajh u biex jaħarbu, biex jislet ix-xabla għal Malku u biex jinfexx f'bikja kbira; Ġanni, għażeb, żagħżugħ, l-iċken wieħed f'dar missieru, dejjem kwiet u ħiemed, dejjem imxennaq bi ġmiel l-imgħallem, dejjem bil-hena ta' qalbu fil-kisra ħelwa ta' xfar għajnejh. It-tnejn kienu jħobbu 'l Ġesù imma Pietru kien iħobbu b'dik il-leħħa ta' beraq, li tixgħel u tintefa, u terġa' tixgħel u terġa' tintefa; filwaqt li Ġanni kellu għalih dik il-ġibda li qatt ma tisħon u qatt ma tibred, li tilma dejjem bl-istess dawl u bl-istess satra, bħad-dija tal-kwiekeb... 'Iva, Pietru u Ġanni ma kenux ta' qatgħa waħda: iżda kienu jagħdru 'l xulxin, għax kienu jinħabbu. Forsi kienu magħmulin hekk minn Alla, biex wieħed ipatti għall-ieħor."

Temmejna din il-ġirja ħafifa ta' minn ktieb għall-ieħor. Tassew li l-proża reliġjuża ta' Muscat Azzopardi tħaddan ukoll l-erba' **Evanġelji** u **l-Atti** kif ukoll **il-Ktieb tal-Quddies** — maqlubin mil-Latin għall-Malti. Meta tqis dan kollu, għiduli intom jekk **ħax** xi żball il-Papa — jiġifieri San Piju X — meta, darba minnhom, kitiblu ittra minn idejh stess biex igħidlu Grazzi u Prosit! Ingħid għalija, dejjem żidt insaħħaħ fehmti li Ġużè Muscat Azzopardi kien (kif sejjaħlu Franġisk Saver Caruana) "bniedem reliġ-

już li ħadem b'qalbu f'idu''. Kemm ħabrek bħalia wieħed mis-segretarji tal-Kungress ta' l-1913! U dak il-Kungress baqa' ma ntesa qatt mhux f'Malta biss... Mhux f'Malta biss: hemm Ruma wkoll li fuq sider Ġużè ħemżet, għal darba tnejn, għotja ta' ġieh. Qisha Kornelja l-Knisja, u wlied bil-għaqal bħal Ġużè Muscat Azzopardi huma l-ħaġar prezzjuż li tifraħ bih — ta' Omm li hi. Tgħid, mhux hekk ried ifisser il-Poeta Nazzjonali meta apostrofizzah u qallu:

''għatxien tas-Sewwa, Dinek qatt ma reg'xtu''?

U naqbżu ntennulu — jien u int, u dak u l-ieħor:

''Ħabib, ma nitħassrekx; int għomrok għextu.''

Minn ġo kull dar sa ġo San Ġwann, il-lejla, fl-ibliet u fl-irħula taż-żewġ Gżejjer, tinstema' nota waħda. Fil-persuna tal-Kap ta' l-Istat u fil-persuna tal-Kap tal-Knisja nilmaħ miġbura hawnhekk lil Malta kollha u qed tkanta għalenija. Il-viżtu ilha li neħħietu. Lil dan ir-Rumanzier, li hu wkoll Poeta — poeta saħansitra fil-proża li kiteb, Malta ma tibkihx mejjet. Ġużè Muscat Azzopardi huwa ħaj, ħaj f'kull paġna li ħallielna, f'kull paġna li għadha ħajja bit-twemmin nisrani li kiber miegħu u li ħaddan dejjem. F'kull paġna minnhom, nista' ngħid, sibt kelma ta' ħabib. Kull meta nżerta r-riħ, u fuq dak il-qabar ħiemed tar-Rumanzier-Poeta nsmajtu jonfoħ madwari qalb il-friegħi taċ-ċipress ġewwa l-Addolorata, aktarx ftakart fis-saffika tal-poeta liriku tagħna — li llum hu l-President tar-Repubbblika — u bħalu jiena għidt, miġbur fi ħsibijieti:

''Inħossni f'kattidral; iz-zkuk tas-siġar
nistħajjel bħal kolonni fil-korsija,
u qiegħed nisma' orgni u qatgħa kbira
ta' nies qed tkanta,
U fuq it-tasti twal ta' l-orgni għoli
iġġerri s-swaba' sbieħ Omnna n-Natura,
b'rasha tixxengel 'l hawn u 'l hemm mar-ritmu,
fid-daqq mitlufa!''

Għalhekk, ħuti Maltin, waqqfu issa mill-ġdid widnejkom għad-daqq ta' l-orgni ta' dan il-Konkatidral, u ħallu lil Bach ifehemkom hu li Ġużè Muscat Azzopardi, ta' kittieb nisrani li kien, ħaddem dejjem il-pinna bla ma qatt nesa... li... il-qalb tal-bniedem... Wieħed biss... ihenniha.

# ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI U L-POEŻIJA RELIĠJUŻA

ta' ĠUŻE' CARDONA

Il-poeżija Maltija m'hix qadima u bla tarf bħall-poeżija ta' pajjiżi akbar minnha u eqdem minnha kulturalment, imma bħalhom għandha l-fergħa reliġjuża kotrana, fil-bidu ta' l-iżvilupp tagħha. Il-Malti hu mogħni b'poeżija reliġjuża mill-isbaħ li ma tagħmilx għajb lil dik barranija. Imma hawn tqum l-ewwel il-problema! Huma tabilħaqq poeżiji l-versi reliġjużi tal-kittieba Maltin u barranin? Ukoll il-poeżija reliġjuża għadha titqies bħala ġeneru letterarju fid-dinja mekkanizzata u materjalista tal-lum? It-tweġibiet għal dawn iż-żewġ objezzjonijiet kieku kelli nittrattahom fit-tul kienu joħduli volum, biss inwieġeb b'argument sempliċi li min jitkellem dwar il-poeżija u mhux dwar l-awtur ikun għamel żball **a priori.** M'għandniex nibdew mill-poeżija reliġjuża u nistqarru mal ewwel li m'hix ġeneru letterarju, imma naraw min kien u meta għex l-awtur tagħha.

Hu fatt li fid-dinja tal-lum, meta r-reliġjon tingħata anqas importanza minn x'uħud, jingħata wkoll il-ġenb lill-poeżija reliġjuża. Imma kellha wisq importanza 60 sena ilu jew aktar f'Malta u fi żmien Alessandro Manzoni fl-Italja. Ukoll ma nistax naqbel ma' dawk li jgħidu li minnha nfisha poeżija reliġjuża ma tistax tilħaq livell letterarju għoli. Jiċħdu dan, il-poeżiji ta' S. Juan de la Cruz, Hopkins, Manzoni u f'pajjiżna, Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm u oħrajn li għadhom ħajjin. Imma l-poeżija reliġjuża hi diffiċli, u hawn naqbel mal-kritiċi, għax ristretta u titlob aktar għaqal u ħidma min-naħa tal-poeta. Imma ma nistgħux ngħidu li l-poeti barranin, ukoll dawk Maltin, ma ħarġux rebbieħa minn din il-prova.

It-tradizzjoni letterarja reliġjuża tibda fil-fomm tal-poplu tagħna bit-taqbiliet devozzjonali, waħda mill-ewwel forom poetiċi popolari; imbagħad f'idejn Ludovik Mifsud Tommasi (1796-1879) fil-qlib ta' l-Inni Mqaddsa (1853) tintroqom u tintrefa'. Ikomplu dit-tradizzjoni Indrì Schembri S.J. (1805-1872), R. Taylor (1818-1868), Ġananton Vassallo (1817-1868), A. Preca (1830-1901) u Mifsud Bonniciijiet, Pietru Pawl u ħuh Klement qabel Ġ.M.A. u warajh Rikard.

Jekk inħarsu lejn il-qagħda soċjali tal-poplu Malti nsibu li hi mibnija madwar il-paroċċi, il-qaddisin protetturi tagħhom u l-festi li jsirulhom b'pompa kbira. Ukoll fil-qasam ċivili l-influwenza tal-parroċċi tinħass qatigħ u fi żmien il-Kavalieri, ir-riġmenti tal-kampanja kienu fuq bażi parrokkjali u fi żmienna r-reġistru elettorali mibni skond il-parroċċi. Mela m'hix ħrafa, li l-poeti Maltin jispiraw irwieħhom mill-ambjenti reliġjużi parrokkjali, imma konsegwenza l-aktar naturali. Żid ma' dan il-fatt li ħafna mil-letterati jekk m'humiex reliġjużi, ħadu l-edukazzjoni tagħhom f'kulleġġi u seminarji biex jitħarrġu għas-saċerdozju. Dan jaqbel mal-każ ta' **Ġ.M.A.**, Ġorġ Pisani, K. Vassallo u l-President tar-Repubblika li llum qed jagħmlilna ġieh bil-preżenza tiegħu.

Fiċ-ċirkoli letterarji Maltin Dun Karm jitqies bħala l-ġgant tal-letteratura Maltija, u dan għax ix-xogħlijiet ta' D.K. dehru tis'a' tgħid pubblikati kollha forma ta' ktieb, imma s'issa Ġ.M.A. għad ma kellux din ix-xorti, u l-mertu ta' Ġ.M.A. bħala kittieb reliġjuż nkifes mill-iskular tiegħu D.K., li għex eqreb lejna fiż-żmien u għalhekk aktar magħruf u meqjum. Imma studju preliminari tal-poeżiji ta' Ġużè Muscat Azzopardi juri li hu kien l-Imgħallem il-Kbir tal-ġenerazzjoni ta' żmienna tal-poeti reliġjużi, mhux biss bit-Taljan, imma wkoll bil-Malti.

L-ewwel xogħlijiet ta' Ġ.M.A. huma bit-Taljan: **A Nostra Signora della Cintola** (1870) li f'Ħal Qormi kienet issirilha festa kbira dik il-ħabta, imbagħad bit-Taljan ukoll tliet poeżiji lil San Ġorġ fl-1871, 1874, 1875 u la qed insemmi l-Patrun tal-Belt Pinto, ta' min ifakkar li l-ewwel xogħol fil-proża huwa wkoll **Il-Ħajja ta' S. Ġorġ,** traduzzjoni minn De Fazy. M'hux il-ħsieb tiegħi li nitkellem dwar il-poeżija Taljana ta' Ġ.M.A. li fiha jispikka mhux ftit, imma biss dwar dik Maltija. U dwar l-ewwel waħda bil-Malti hemm xi diffikultà jekk hijiex **Lill-Patrijarka S. Ġużepp** 1871, li dwarha kkummenta r-Rev. Dr. D. Fenech fil-ktieb **Wirt il-Muża.** Mit-tagħrif li sab fi **Is-Salib** jidher li din hi d-data, iżda minn kopja ttajpjata li kien għaddieli iben l-awtur, Ivo, fl-1952 meta konna se' nfakkru ċ-ċentinarju mit-twelid, id-data tidher 1879. It-test li jien għandi hu differenti f'xi dettalji minn dak stampat fi **Is-Salib.** Kien jixraq li jibda l-poeżija bil-Malti u jgħanni l-ewwel versi f'ġieh il-qaddis li jġib ismu, li jerġa' jweġġah fl-1913 bil-poeżija **L-Imgħallem.** Il-poeżija ta' wara kitibha f'Ott.

1872 **F'Ċieh l-Imqaddes S. Massmu,** li dik il-ħabta Ħal Qormi kienet issirlu festa aqwa minn ta' S. Ġorġ. F'dawn is-sitt sestini ta' kwinarji l-poeta jtenni invokazzjoni lill-qaddis biex jidħol għall-insara, imma l-aktar għall-Papa, li nafu li kien Piju IX biex joħroġ rebbieħ mit-taħbit ta' żmienu. Nafu storikament fli fl-1872 il-Ġiżwiti tkeċċew mill-Ġermanja u li kien hemm persekuzzjoni reliġjuża fil-Prussja. Fil-25 ta' Diċ. ta' l-1872 kiteb il-poeżija **Il-Milied** li fil-fehma ta' Ivo, ibnu, kienet l-ewwel waħda li kiteb bil-Malti, iżda l-fatti juru mod ieħor.

Fil-poeżija wkoll ried Ġ.M.A. jirrendi wieħed mill-kotba liturġiċi, **L-Għasar tal-Madonna,** 1878, fuq l-eżempju ta' L.M.T. Dawn huma: **Deus in Adjutorium, Ave Maria, Ave Maris Stella, Lauda Jerusalem, Laetatus Sum, Sancti Dei Omnes, Laudate pueri, Ecce Dominus,** u **Dixit Dominus.** Min jaf hux minn hawn, li jinbet il-ħsieb li snin wara jaqleb il-Vanġeli u l-Atti?

S. Pawl bħala missier il-Maltin hu marbut mal-poeżija Maltija u mal-ewwel jiġik f'moħħok Dun Karm, li kiteb madwar 20 poeżija fuqu. Imma f'dan il-qasam ikollna wkoll nistqarru li kien Ġ.M.A. li fetaħ it-triq. Sa mill-1880 M.A. beda s-sensiela ta' poeżiji Pawlini: **Talba lil S. Pawl** (Quddiem l-istatwa tiegħu), li saret Ħal Qormi fi Triq Irjali 'l isfel, **Lil S. Pawl Missierna** fl-1896, **Sawlu ta' Tarsu** li tagħha ma sibtx id-data, twila 52 strofa; **Pietru u Pawl** 1913; **S. Pawl** għall-festa ta' Jannar 1915; **S. Pawl,** is-sunett l-aktar magħruf ta' l-1916, **Talba lil S. Pawl** ta' l-1918 u fl-aħħarnett **Innu lil S. Pawl,** li għalkemm id-data ma tidhirx miegħu, jidher miktub għall-Pellegrinaġġ Għawdxi li mar Ruma. F'dik ta' l-1896 jagħmel riferenza għall-fidi li kienet tinħass sa tmiem is-Seklu l-ieħor: ...**F'liema naħa/ma baqax emmnut u mħares/f'liema rokna ta' din l-art it-tagħlim li ġejt xandart?** Għalkemm dik ta' l-1913 hi traduzzjoni mil-Latin ta' Venantius Fortunatus tispikka għall-għażla tal-kelma Maltija u l-qawwa ta' l-espressjoni. **Qegħdin bħal żewġt iswar quddiem l-egħdewwa/ta' Ruma Sjied, Twemmin tad-dinja sewwa!** Għalkemm anqas feliċi s-sunett b'10 sillabi ta' l-1915, ipatti għalih is-sunett qawwi daqs il-granit u mirqum bħal filugranu Malti, ta' l-1916, li tista' tgħid insibuh fl-antoloġiji kollha:**Kbir fik innifsek, kbir fil-ħsieb u l-ħrara, fil-ħeġġa, fl-għamil, sew fil-moħqrija/li kien jista' jinqered din l-insara/int waħdek kont teqirdu mil-Lhudija.** Sunett grandjuż, għax fih

Ġ.M.A. seħħlu joħroġ il-karattru ta' l-azzar ta' S. Pawl, u fl-aħħar vers tabilħaqq sintetiku jiġbor żewġ konversjonijiet kbar: **"li għamel Alla miegħek, għamilt magħna!"**

Jekk Ġ.M.A. bħala Malti hu miġbud lejn S. Pawl, bħala Qormi juri l-qima tiegħu lejn S. Ġorġ għal diversi drabi. Barra t-tliet poeżiji bit-Taljan li semmejna fil-bidu dwar S. Ġorġ, jerġa' jikteb fl-1881, 1882, u fl-1886. Wara t-tliet poeżiji bit-Taljan dwar S. Ġorġ fl-ewwel waħda bil-Malti wieħed jistenna xi ħaġa aħjar. Hi sensiela ta' mirakli leġġendarji li wieħed jisma' fil-paniġierki tal-festa. Hemm titjib fis-26 terzina li kiteb f'ġieħ S. Ġorġ fl-1882. Fiha juri l-qlubija tas-Suldat ta' Kristu u l-kundanna mill-Imperatur. Awtobijografika dik ta' l-1886, għax fiha jagħti ħajr lil S. Ġorġ talli ħelsu minn marda qalila, meta 5 tobba kienu qatgħu jieshom minnu, u għalhekk jistqarr: **qatt ma bsart li f'dina l-art/ narġa' ntik tifħir u ġieħ!**

Għal raġunijiet għalissa mhux magħrufa għal erba' darbiet jgħanni l-għażla ta' San Bert bħala l-Appostlu, l-għoġba ta' Kristu fih, u l-martirju krudil li ġarrab. L-erba' poeżiji kitibhom fl-1913, 1916 u l-1917. Jolqtuk għas-sekwenza loġika minn waħda għall-oħra; huma kollha maħdumin tajjeb u jwasslu għall-**climax** tal-**martirju** r-rassenjazzjoni sovrumana li biha jbati għax Kristu sofra aktar: **"U ħass bħal fwieħa tas-Susan għaddejja/u ruħu fuq xofftejh dan il-kliem samma'/Il-Lhud għamlu wisq iżjed lil Mulejja!"**

Nafu mid-daħla għal **Ktieb ċkejken għal idejn it-Terzjarji ta' S. Franġisk** (1890) li kien devot ta' S. Franġisk, ktieb imneħħaħ minn ommu li ħajritu jiktbu flok il-ħafna poeżiji profani li kien jintilef fuqhom. Din hi spjegazzjoni biżżejjed għaż-żewġ sunetti tassew mirqumin li tana fl-1894 u l-1917, li fl-ordni tas-suġġetti setgħu nkitbu bil-maqlub. Nislet l-aħħar terzina minn kull wieħed u taraw li taqblu miegħi:

**Imbagħad li demmu jxerred dlonk ittallab**
**U Kristu biex jurih li xewtqu jridha**
**'l ġismu b'ħames vleġeġ miegħu sallab!**

**Għalfejn il-ħobżat a' kuljum tittallab**
**għalfejn ġo xkora tibqa' ġismek trattab,**
**bil-ġuħ, għarwien, jeħtieġ li tmut imsallab.**

L-eloġji u l-glorji lil qaddisin oħra fihom studju fiħ innifsu; jien f'dawn il-kelmtejn ma nistax ħlief li naċċenna għalihom. Naraw il-qima ta' Ġ.M.A. għal S. Andrija 1881; S. Antnin 1911; S. Bonaventura 1912; S. Ġwann, żewġ sunetti 1914; S. Ġuda Taddew 1914; S. Mattew 1915; S. Luqa 1918; S. Vinċens Ferreri 1919; u S. Franġisk Saverju 1924. L-għadd il-kbir minn dawn huma sunetti, u sunetti tajbin għax m'humiex devozzjonali, imma juru jew il-karatteristiċi jew il-karattri tal-qaddisin imweġġha. Ġ.M.A., bħal Dun Karm, hu sunettier, mhux għax kiteb dil-forma poetika, imma għax tista' tgħid huma kollha xogħlijiet tajbin u mirquma kemm għall-ħsieb u kemm għall-binja tagħhom.

Imma jekk kbira hi l-ammirazzjoni ta' Muscat Azzopardi għal S. Pawl, S. Ġorġ, S. Bert, u ħafna qaddisin, jirriserva l-aqwa mħabba għall-Madonna u jiddedikalha aktar minn 20 poeżija. Kif tafu, il-Prof. Patri Cuschieri qala' t-titlu tal-Poeta tal-Madonna, imma qablu u daqsu dan it-titlu kien jixraq lil Muscat Azzopardi, li kiteb ħafna qablu u wrieh it-triq mnejn jgħaddi. Tmien darbiet ifaħħar lill-Madonna tal-Karmnu; fl-1900 **Quddiem il-Madonna tal-Karmnu;** fl-1906 **Lil Sidtna Marija tal-Karmnu;** fl-1909, is sena li jibda jikteb Cuschieri, **Il-Muntanja tal-Madonna;** fl-1910, **Flos Carmeli, traduzzjoni;** fl-1912 **Lil Sidtna Marija tal-Karmnu;** fl-1914 jagħti forma poetika **lill-Epistola tal-Quddiesa tal-Karmnu;** u nibqgħu sejrin hekk fis-snin 1916, u fl-1918. L-aktar magħrufa għax hi tabilħaqq kapolavur, hi dik ta' l-1906, li bla dubju ta' xejn stimulat lil Cuschieri: **Ara, Sultana, x'ħerba ta' kull dnewwa,/id-dinja tinsab fiha/mindu tal-Knisja l-misħutin għedewwa/rabbew il-jedd għaliha:/fik, qiegħed il-jies tagħna:/ minn dan il-hemm biex nerġgħu nsibu s-sewwa,/jekk ma tkunx int, min irid jerfagħna?**

Il-poeżija Marjana tinkludi wkoll **Is-Seba' Weġgħat ta' Marija** fl-1908, seba' sunetti ta' settenarji, l-aħjar wieħed hu dak ta' l-ewwel **It-Taħbira ta' Xmun.** Poeżiji oħra huma: **Lill-Imqaddsa Omm Marija, Lil Ommna Marija tad-Duluri, Lil Sidtna Marija taħt is-Salib, Lil Ommna Marija** u **Is-Sliem Għalik Marija,** ilkoll miktuba qabel is-seklu l-ieħor. Ta' dan is-seklu huma: **It-Twelid ta' Marija, In-Nisel ta' Marija, Lil Ommna Marija tal-Faraġ, Is-Sultana tal-Mogħdrija** u **Marija ta' Lourdes.** Minn dawn impressjonanti għall-istil u soġġett **Lil Ommna Marija tal-Faraġ** miktuba

fl-ewwel gwerra dinjija. **Marija, meta qatt bla serħ ixxerred/dan id-demm kollu bejn il-ġnus għaqlija?** U aktar 'l isfel jinfexx f'dik l-apostrofi dwar l-Ewropa: L-Ewropa, igħidilna, tilfet id-dehen jew Alla nsieha biex waqgħet f'dan il-għajb; fejn qabel kienet iddawwal il-ġnus, issa qed tinqered bil-ġlied ta' bejnietna.

Il-poeżija dwar Alla, m'hix daqshekk kotrana; 6 biss mill-1889 sa l-1926, sena qabel miet: **Is-sejħa t'Alla, Lill-Qalb ta' Ġesù, Ego Sum Panis Vivus, Lill-Isem ta' Ġesù** traduzzjoni, **It-Tama f'Alla** u s-sunett **JESU CHRISTE,** li bih jagħlaq il-karriera poetika tiegħu. **Is-sejħa t'Alla** hi l-paċifikazzjoni ta' polemika bejn l-awtur u A. Preca dwar l-ortografija u taha dan it-titlu mħabba l-vers: **Nar ġejt inkebbes fl-art; u rrid imħabba** li jidher fiż-żewġ poeżiji. Fl-oħra **Lill-Qalb ta' Ġesù** jitlob lill-Mulej: **"Int kull niket minn fuq Piju warrab"** u jħeġġeġ lis-Sema tifdi lil Ruma. Is-sunett **Ego Sum Panis Vivus** hu l-kontribut ta' Ġ.M.A. għall-Kungress Internazzjonali ta' l-1913 u t-**Tama f'Alla** hu talba ta' fiduċja fil-Ħallieq meta 3 minn uliedu kienu mixħutin b'deni qawwi: **X'jiswew il-ġid u l-kobor? X'jiswew ħbiebi?/Int, jeħtieġ tkun biex negħleb dit-tbatija/f'kull għawġ u deni li jħabbatli biebi.** L-aħħar poeżija tiegħu hi tabilħaqq dikjarazzjoni solenni tal-fidi. Hu dejjem emmen u ħadem għal Alla, il-Knisja u Pajjiżu, imma fit-tmiem ta' ħajtu ried juri li l-onorifiċenzi P.E.P. u B.M. li tah il-Papa Piju X għall-kitba reliġjuża kienu tassew mistħoqqa. Nagħlaq Eċċellenzi, Rev. bl-ewwel kwartina tas-sunett li Ġ.M.A. iddedika lil Kristu Sultan: **Jesu Christe,** xhieda dejjem tal-konvinzjoni reliġjuża tiegħu: **Int biss Qaddis! Int biss Mulej il-ħlejjaq/tas-Sema u l-art kollha qaddejja tiegħek!/Kollox sar Bik, u kull ma sar jiddejjaq/u jmur fix-xejn jekk ma tirfdux bi driegħek.** U bit-terzina aħħarija mill-istess sunett: **Is-Saltna tiegħek biss, Ġesù Mulejna/ma tintemm qatt, għax jasrek ma fihx hemm/u ħelu l-madmad li bih tersaq lejna.**

---

* Ninsab imdejjen lejn il-Kav. Ivo Muscat Azzopardi għal bosta tagħrif dwar ix-xogħlijiet ta' missieru, li tana ħafna snin ilu.

# Imut it-Tielet President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti

## IL-KAV. PROF. ĠUŻE' GALEA

Mill-mewt tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi fl-1927, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kellha tliet Presidenti oħra: Mons. Dun Karm Psaila, li kien ilu Viċi President mit-twaqqif tal-Għaqda fl-1921 (1927-42), il-Kav. Prof. Ġużè Galea (1942-74) u l-Kommendatur l-Avukat Wallace Ph. Gulia (1974- ). Dan l-aħħar, fis-27 ta' Marzu, 1978, miet il-Kav. Professur Ġużè Galea u għalhekk jidher xieraq li għalkemm dan l-għadd ta' Il-Malti huwa numru li jfakkar lill-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, xorta waħda għandu jkun hemm tislima lil Ġużè Galea. Aħna ċerti li dawn iż-żewġt erwieħ diġà ltaqgħu f'saltniet aħjar minn tagħna u għandna għax nifhmu li la l-wieħed u lanqas l-ieħor m'hu ser jieħu fastidju li jiltaqgħu f'dan l-għadd ta' Il-Malti wkoll, iktar u iktar billi diġà ltaqgħu f'dan in-numru billi l-Editorjal tiegħu kien imħejji minn Ġużè Galea.

Ġużè Galea twieled Ħal-Qormi fit-18 ta' Lulju, 1901(*) minn Luigi Galea u Maria Rosaria xebba Ċilia. Wera l-interess kbir tiegħu fil-Malti sa minn meta kien għadu student fl-Università u kmieni żviluppa s-sens tar-rumanz Malti storiku karatteristiku tiegħu kif juru l-ismijiet ta' xi rumanzi tiegħu **San Ġwann, Fi Żmien l-Ispanjoli, Meta Nħaraq it-Teatru.**

Sar tabib fl-1928, u mill-ewwel speċjalizza fis-saħħa pubblika billi ħa d-Diploma in Public Health mill-Università ta' Londra (1932). Fl-1932 sar Tabib tal-Gvern fid-Dipartiment Mediku tas-Saħħa fejn okkupa diversi gradi sakemm laħaq Tabib Prinċipali

(*) *Nota*: Fid-data tat-twelid ta' Ġużè Galea jidher li hemm taħwida: Ir-Reġistru Pubbliku juri din id-data bħala t-18 ta' Lulju, 1901 u skond il-liġi jiġi li dik hija d-data li għandha tingħata; iżda ċ-ċertifikat tal-Magħmudija jgħid li twieled fis-17 u tgħammed fit-18 tax-xahar: "infantem *heri natum*". Dan jirriżulta mit-teżi *Ġużè Galea Rumanzier*, p. 27, ta' Francis Mifsud, B.A. (Hons.).

tal-Gvern (C.G.M.O.) fl-1951. Baqa' f'dik il-kariga sakemm irtira bil-pensjoni fl-1961.

Iżda għalkemm irtira r-rabta li kellu mal-Gvern baqgħet sħiħa billi mill-ewwel inħatar Membru tal-Kummissjoni għas-Servizz Civili Pubbliku fejn baqa' jservi lill-poplu għal ħafna snin, kif fil-fatt baqa' jservi wkoll wara f'diversi kumitati governattivi. Dan ma setax jonqos, għax għalkemm kien irtirat bil-pensjoni, kien magħruf ħafna għall-pariri siewja li l-esperjenza u l-karattru tiegħu kienu jwasslu għalihom — pariri li kienu apprezzati mhux biss mill-Gvern iżda wkoll mid-diversi Kumitati li kien jieħu ħsieb imexxi minn żmien għal żmien, bħall-Każin tal-Banda King's Own, Valletta, fejn dam President mill-1969 sal-mewt tiegħu, l-Akkademja tal-Malti (President 1942-74), L-Għaqda tal-Mentalment Inkapaċitati (1967-1978), u l-Kunsill Nazzjonali Malti għall-Inkapaċitati (1964-1978).

Matul l-aħħar gwerra ħa ħsieb li l-pubblikazzjoni ta' 'Il-Malti' ma tonqosx u żgura li n-numri kollha tal-gwerra jkunu ppubblikati; kiteb diversi novelli bl-isfond ta' dak iż-żmien ikreh li żgur għad jibqgħu ħajja sakemm jibqa' ħaj l-interess fil-Malti u fiż-żmien iebes tal-gwerra. Kien ġabar dawn in-novelli fil-ktieb Ġrajja tal-Gwerra li wara kien maqlub bl-Ingliż ukoll imħabba l-interess kbir li għandhom bħala dokument soċjali tal-poplu Malti fi żmien l-aħħar assedju bl-isem **Stories of the War** minn Dr Cutajar Beck.

Ġużè Galea kien inħatar Lettur fil-Mediċina Legali fl-Università tagħna, fl-1947 u kien għamel studji oħra avvanzati dwar dak is-suġġett f'Londra u f'Edinburgh f'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-espert internazzjonali magħruf, Keith Simpson. L-Università tagħna tatu t-titolu ta' Professur imħabba l-merti personali tiegħu fl-1955.

Fiż-żmien li kien President ta' l-Akkademja tal-Malti Ġużè Galea, ir-rikonoxximent uffiċjali tal-Malti f'pajjiżna baqa' dejjem jiżdied u jissaħħaħ; kien hemm żminijiet meta kien hemm kurrenti politiċi li faċilment setgħu jiġbdu l-Akkademja tal-Malti naħa jew oħra. Iżda huwa kien dejjem sħiħ fil-fehma tiegħu li rnexxielu jgħaddi dejjem lill-Kunsilli u lill-Kumitati li mexxa, li l-Akkademja, filwaqt li tieħu ħsieb li tara li l-interessi tal-Malti jkunu

mħarsa f'kull żmien, kellha tintrefa' 'l fuq mill-Partiti Politiċi mhux b'xi sens ta' tmaqdir ta' dawk il-Partiti, iżda biex iżżomm l-Ilsien Malti fl-aspett Nazzjonali tiegħu: ilsien tal-poplu Malti kollu, li bih il-partiti politiċi Maltin kollha jinqdew biex iwasslu l-fehma tagħhom lill-poplu Malti. Ma hemmx dubju li ż-żmien u l-iżvilupp politiku ta' pajjiżna tawh raġun u l-preġju li għandha l-Akkademja tal-Malti llum hu l-konsegwenza tad-dehen tiegħu fit-tmexxija għaqlija ta' l-Akkademja f'kull żmien.

Ġużè Galea kien eżaminatur uffiċjali tal-Malti fil-livelli kollha fl-Università kemm ilu jintgħallem il-Malti hemmhekk. Kemm il-konnessjoni tiegħu mal-Malti fl-Università kienet għal qalbu tidher ċar mit-twaqqif tal-konferenza Ġużè Galea, fondazzjoni li għamel fl-1973 fl-Università, għal konferenza dwar il-Malti fl-ogħla livelli tiegħu darba kull sentejn.

Meta, wara tnejn u tletin sena President ta' l-Akkademja tal-Malti, deherlu li ma kellux jibqa' fil-kariga ta' President ta' l-Akkademja u għalhekk ma ħariġx għall-elezzjoni ta' President li saret fl-1974, għalkemm il-membri baqgħu xorta jirrispettawh u jixtiquh li jerġa' joħroġ, b'danakollu xorta ppreżenta ruħu għall-elezzjoni tal-membri tal-Kumitat u kien maħtur qisu unanimament bħala membru fl-elezzjonijiet kollha li ġew wara u baqa' assidwu u jieħu interess fix-xogħol kollu tal-Kunsill u l-Akkademja, bl-attendenza regolari tiegħu għal-laqgħat. Ħafna membri ta' l-Akkademja jiftakru kemm fis-snin sittin kien jixtieq li jwarrab mill-kariga ta' President biex jagħti l-opportunità lill-Viċi-President, Dr Antonio Cremona, (Is-Sur Nin) LI JAGĦLAQ ĦAJTU U L-KONNESSJONI glorjuża tiegħu ma' l-ilsien Malti bħala President ta' l-Akkademja tal-Malti, billi huwa jinżel Viċi-President floku! Iżda jingħad li s-Sur Nin ma riedx jaf u l-Professur Galea baqa' jġorr il-piż ta' l-Akkademja, waqt li s-Sur Nin inġabar għal kollox Għawdex!

Inċident ħelu li juri kemm l-ilsien Malti baqa' għal qalbu sa l-aħħar ta' ħajtu huwa l-fatt li l-aħħar ktieb li kien qed jaqra fiż-żmien li għalaq għajnejh kien li "Storia Sacra" bil-Malti ta' Annibale Preca. Il-ktieb instab fuq l-iskrivanija tiegħu immarkat b'santa ta' Kristu Rxoxt li kienet tfakkar f'xi ċirkostanza li kellha

konnessjoni mal-Knisja ta' Ħal-Qormi fejn twieled, fil-pagna li kif kien jixraq għall-Għid, il-jum tal-mewt tiegħu, kienet tirrakkonta l-istorja glorjuża ta' Kristu Rxoxt.

Lis-Sinjura Hilda, u lil uliedu, Mary Rose u Marguerite, u lil żwiegħom u l-qraba ta' Ġużè Galea kollha, l-Akkademja tal-Malti tixtieq il-għomor, ċerta li wara "dan il-wied ta' dmugħ" ir-ruħ għażiża ta' Ġużè Galea rxuxtat ma' Kristu Rxoxt; u waqfet xi ftit issellem mill-ġdid lill-Fundatur ewlieni tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti/ta' l-Akkademja tal-Malti.

It-tislima tagħna llum lil Muscat Azzopardi u lil Galea titlob mill-membri ta' l-Akkademja llum dedikazzjoni akbar fl-interess tal-Malti ġo pajjiżna biex l-Akkademja tibqa' l-monument ħaj ta' dawn iż-żewġt erwieħ li tant ħadmu għaliha meta kienu magħna.

W.P.G.

## IL-MADONNA TAĊ-ĊOQQA

Wara stedina mill-President ta' l-Akkademja, Ġużè Diacono sejjer jikteb dwar it-teleserial kontroversjali tiegħu fil-ħarġa li jmiss ta' IL-MALTI, u jikkommenta dwar ir-reazzjonijiet li tnisslu minn dan it-teleserial, kif ukoll dwar il-motivi li wassluh biex jagħżel dan is-suġġett.

# Enjoy London from £M55




Air Malta flies everyday to London — the city the Maltese know best. And with Apex it now costs only just over 4 cents per mile to get there. Make the most of Apex low fares and fit in a trip to London this season. Enjoy the historic sights, the theatres, the shopping arcades, the outdoor markets.

Air Malta Apex to London is unbeatable value. Contact your travel agent or AirMalta direct on Tel 21421.




AIRMALTA

We promise you a warm welcome.

# IL-MALTI

IMWAQQAF F'MARZU 1925

MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
illum imsejħa
AKKADEMJA TAL-MALTI

L-54 SENA — MARZU-DIĊEMBRU 1978 — Nri 1-4

## IL-MALTI

L-għan ta' *"Il-Malti"* hu:

* Li jħares l-interessi tal-Malti
* Li jieħu ħsieb l-uniformità ta' l-ortografija
* Li jiżviluppa l-letteratura u l-kultura Maltija fl-ogħla livell.

*Editur:* ĠUŻE' DIACONO, P.L.,
116, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà
Tel. 26672.

*Amministratur:* Pawlu Mifsud
24, Triq il-Ferrovija,
B'kara. Tel: 40733.

Kull kitba għall-pubblikazzjoni tintbagħat lill-Editur.

Ikun ittajpjata bi spazju doppju u marġni ta' 10 ittri.

Jintbagħtu żewġ kopji.

Kotba jew rivisti għar-reċensjoni jintbagħtu lill-Editur u mbagħad jieħu ħsieb hu lil min iqabbad jikteb ir-reċensjoni.
Ħlas tar-rivista 40ċ fis-sena jew 10ċ kull kopja.

Il-ħlas jintbagħat lill-Amministratur. Kull korrispondenza tintbagħat lis-Segretarju.

## IL-KUNSILL TA' L-AKKADEMJA

*Pres. Onor:* Prof. Ġuże Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), F.R.A.S.
Gino Muscat Azzopardi
Kav. Salv. Gatt

*President:* Dr. Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A., D.P.A.
155, Triq it-Teatru, Valletta. Tel: 22091.

*Viċi-Pres:* Ġużè Diacono, P.L.

*Segretarju:* Emmanwel F. Attard
170, Triq l-Imdina
Qormi. Tel. 47147.

*Teżorier:* Pawlu Mifsud
24, Triq il-Ferrovija,
B'kara. Tel: 40733.

*Seg. Rel.*

*Pubbliċi:* Anton Agius Muscat.

*Ass. Seg.* Pawlu Aqulina.

*Membri:* Patri Dr. D. Fenech, B.A.(Gen.), B.A. (Hons.), M.A., Ph.D. (Leeds), O.S.A.; Anton Grasso, Mary Rose Gatt B.A.(Gen.), B.A.(Hons.), M.A.; Charles Coleiro.


A Cheque Book
makes it so much
easier.
Bank of Valletta
Limited, Malta
Branches throughout Malta and Gozo
The Bank next door.



Earth as seen, for the first time, by the Apollo 8 astronauts.

At Mid-Med Bank we have a complete perspective of the whole world.

We can provide for all the needs of industry, trade and commerce through a vast network of correspondents together with the experience and know-how of our staff

*Mid-Med Bank – a wealth of experience.*

**Mid-Med Bank Limited**
HEAD OFFICE: 233 REPUBLIC STREET VALLETTA
Branches throughout Malta and Gozo.

**Stamperija Indipendenza — Pietà**